INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	0	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	0
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	1	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	0	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	1	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	0	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	0	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	8

MALTA






ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **2**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **1**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI










Minn istituzzjonijiet, korpi, uffċċji u aġenziji tal-UE	1	Minn partijiet privati	2 ³²
Minn awtoritajiet nazzjonali	3	<i>Ex officio</i>	0
TOTAL			6

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	0
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	0
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	0
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	6		2		0
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	20.68 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	6.89 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	0 %
	3		8		6
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	10.34 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	27.58 %	Korruzzjoni	20.68 %
	0		1		3
Miżapproprjazzjoni	0 %	Ħasil tal-flus	3.44 %	Reat marbut inseparabbilment	10.34 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	5	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	1	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	0
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	1
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	0	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	0	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	0	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	0	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	0



IN-NETHERLANDS




ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **2**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **5**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI










Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	2	Minn partijiet privati	2 ³³
Minn awtoritajiet nazzjonali	17	<i>Ex officio</i>	1
TOTAL			22

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	0
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	0
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	0
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	8		3		3
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	21.62 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	8.10 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	8.10 %
	11		11		0
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	29.72 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	29.72 %	Korruzzjoni	0 %
	0		1		0
Miżapproprjazzjoni	0 %	Ħasil tal-flus	2.70 %	Reat marbut inseparabbilment	0 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	2	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	1	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	0
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	1	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	1	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	0	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	1	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	1	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	1

IL-PORTUGALL





ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **6**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **4**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI







Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	5	Minn partijiet privati	6³⁵
Minn awtoritajiet nazzjonali	29	<i>Ex officio</i>	1
TOTAL			41

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	1
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	0
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	0
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	13		6		7
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	13 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	6 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	7 %
	7		31		6
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	7 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	31 %	Korruzzjoni	6 %
	2		21		7
Miżapproprjazzjoni	2 %	Ħasil tal-flus	21 %	Reat marbut inseparabbilment	7 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	3	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	3
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	1
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	7	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	0	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	0	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	1	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	4

IR-RUMANIJA




ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **20**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **12**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI


Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	15	Minn partijiet privati	20 ³⁸
Minn awtoritajiet nazzjonali	331	Ex officio	1
TOTAL			367

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	16
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	5
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	7
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	7
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP



INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	52	Programmi tal-klima u l-ambjent	1
Programmi marittimi u tas-sajd	5	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	8
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	1	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	1
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	88	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	2	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	2	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	30	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	54

IS-SLOVAKKJA




ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023









Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **6**

Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **2**












RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI			
Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	3	Minn partijiet privati	13⁴⁰
Minn awtoritajiet nazzjonali	39	<i>Ex officio</i>	0
TOTAL			55

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	1
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	1
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	1
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	1
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	0
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	0
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	58		7		0
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	50.43 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	6.08 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	0 %
	12		6		3
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	10.43 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	5.21 %	Korruzzjoni	2.60 %
	1		1		27
Miżapproprjazzjoni	0.87 %	Ħasil tal-flus	0.87 %	Reat marbut inseparabbilment	23.47 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	13	Programmi tal-klima u l-ambjent	1
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	1
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	16	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	1	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	0	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	8	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	2

IS-SLOVENJA




ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **2**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **3**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI










Minn istituzzjonijiet, korpi, uffċċji u aġenziji tal-UE	0	Minn partijiet privati	4 ⁴¹
Minn awtoritajiet nazzjonali	17	<i>Ex officio</i>	2
TOTAL			23

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	2
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	1
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	1
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	1
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	1
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	1
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	17		2		0
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	50 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	5.88 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	0 %
	2		1		0
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	5.88 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	2.94 %	Korruzzjoni	0 %
	1		2		9
Miżapproprjazzjoni	2.94 %	Ħasil tal-flus	5.88 %	Reat marbut inseparabbilment	26.47 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	1	Programmi tal-klima u l-ambjent	0
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	1
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	0	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	13	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	0
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	2	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	1	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	1	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	1

SPANJA




ATTIVITÀ OPERAZZJONALI

DATA VALIDA FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2023

Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi): **7**









Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (FTE): **9**



RAPPORTI/ILMENTI RIĊEVUTI










Minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE	13	Minn partijiet privati	10⁴³
Minn awtoritajiet nazzjonali	32	<i>Ex officio</i>	0
TOTAL			55

ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA F'KAŻIJET KRIMINALI

	Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali	0
	Numru ta' deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	4
	Numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-Ewwel Qorti	0
	Numru ta' każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell	0
	Numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti	4
	Numru ta' rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti	0
	Kundanni	4
	Liberazzjonijiet	0

TIPOLOĠIJI IDENTIFIKATI F'KAŻIJET ATTIVI TAL-UPPE

NUMRU TA' REATI INVESTIGATI MQASSMA SKONT IT-TIP

	38		12		9
Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist	42.22 %	Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist	13.33 %	Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF	10 %
	2		10		3
Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT	2.22 %	Frodi relatata mad-dħul mill-VAT	11.11 %	Korruzzjoni	3.33 %
	0		8		8
Miżapproprjazzjoni	0 %	Ħasil tal-flus	8.88 %	Reat marbut inseparabbilment	8.88 %

INVESTIGAZZJONIJIET ATTIVI FL-UŻU FRODULENTI TAL-FONDI

IMQASSMA SKONT IL-PROGRAMM

Programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali	13	Programmi tal-klima u l-ambjent	2
Programmi marittimi u tas-sajd	0	Programmi ta' rkupru u reżiljenza	0
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	3	Programmi ta' mobbiltà u trasport, enerġija u diġitalizzazzjoni	0
Programmi ta' żvilupp reġjonali u urban	4	Programmi tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni	1
Programmi relatati mal-edukazzjoni u l-kultura	1	Programmi tal-industrija, tal-intraprenditorija u tal-SMEs	0
Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	1	Programmi ta' sigurtà u ta' difiża	0
Programmi dwar l-impjegi, il-koeżjoni soċjali, l-inklużjoni u l-valuri	3	Programmi oħra/każijiet ta' dubju	9

Tipoloġiji identifikati fil-każijiet tagħna

Investigazzjoni waħda jista' jkollha fil-mira varjetà ta' reati kriminali. Din it-taqsimha tiddeskrivi fil-qosor it-tipi differenti ta' reati investigati mill-UPPE.


1 486



Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist

33.92 %

379



Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist

8.65 %

209



Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF

4.77 %

405



Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT

9.24 %

873



Frodi relatata mad-dħul mill-VAT

19.93 %


131



Korruzzjoni

2.99 %

72



Miżapproprjazzjoni

1.64 %

226



Ħasil tal-flus

5.16 %

599



Reat marbut inseparabbilment

13.67 %



FRODI RELATATA MA' NEFQA MHUX TA' AKKWIST

Sa tmiem l-2023, madwar **34 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **l-allegata frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist**. Dan it-tip ta' frodi jitwettaq permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' **dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti**, li jirriżulta fil-miżapproprijazzjoni jew fiż-żamma illeċita ta' fondi jew assi mill-baġit tal-UE jew mill-baġits ġestiti mill-UE, jew f'isimha - bħal għajna finanza u sussidji.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-UPPE identifika xejriet ta' dan it-tip ta' użu frodulent tal-fondi tal-UE f'setturi bħall-agrikoltura u s-sajd, l-infrastruttura u l-iżvilupp reġjonali, il-kura tas-saħħa, l-affarijiet soċjali, iż-żgħażaġh u x-xogħol, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-appoġġ għall-SMEs. Il-fondi ta' rkupru relatati mal-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari dawk koperti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kummissjoni Ewropea, kienu wkoll fil-mira ta' frodaturi.

Xejriet komuni ta' dan it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Id-dikjarazzjoni tas-sussidji tal-UE b'dikjarazzjonijiet foloz** rigward rekwiżiti ta' finanzjament speċifiċi (bħall-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-esklużjoni – eż. billi tinħeba kundanna kriminali preċedenti, li tiskwalifika lill-applikant milli jirċievi fondi tal-UE), jew billi jinħolqu ċirkostanzi artifiċjali sabiex jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà (eż. billi jiġi ddikjarat b'mod eċċessiv id-daqs jew il-kwalità tal-art agrikola eliġibbli);
- **Is-sottomissjoni ta' kostijiet addizzjonali eċċessivi, dikjarazzjonijiet foloz** rigward il-pagament ta' esperti jew sottokuntratturi, jew fatturi foloz biex jiġdied b'mod artifiċjali l-prezz tat-tagħmir mixtri sabiex jintalbu sussidji oġhla mill-UE;
- **It-talba ta' rimborż għal servizzi li fil-fatt ma kinux imwettqa**, jew li ma kinux imwettqa biżżejjed (eż. għotjiet iprovduti għal servizzi ta' taħriġ jew ta' kura tal-impjiegi);
- **Il-manipulazzjoni ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji** (eż. billi jiġu rrappreżentati ħażin il-kostijiet tal-persunal), biex jiġdied l-ammont tal-pagamenti riċevuti;
- **It-talba u r-riċeviment ta' finanzjament doppju**, fejn, permezz ta' qerq, attività tiġi ffinanzjata diversi drabi minn awtoritajiet differenti (spiss fi Stati Membri differenti), li ma jkunux konxji tal-kontribuzzjonijiet li jkunu għamli l-oħrajn.

Sitta misjuba haġta ta' użu frodulent tal-fondi tal-UE ta' EUR 580 000 fir-rigward ta' materjal protettiv tal-Covid-19⁴⁴

Fit-12 ta' Ottubru 2023, wara investigazzjoni mmexxija mill-UPPE f'Vilnius (il-Litwanja), il-Qorti Distrettwali ta' Vilnius ikkundannat sitt individwi u kumpanija waħda bil-falsifikazzjoni tad-dokumenti, il-ġestjoni frodulent tal-kontijiet u l-frodi ta' valur għoli.


Wieħed mill-konvenuti, sid ta' negozju, kien applika f'isem il-kumpanija tiegħu għal diversi proġetti ffinanzjati mill-UE relatati mal-promozzjoni tal-SMEs, u, mas-sħab kummerċjali tiegħu, irċieva finanzjament mill-UE biex jixtri magni u tagħmir għall-produzzjoni ta' filtri u tagħmir protettivi kontra l-COVID-19.

L-investigazzjoni żvelat li s-sid tan-negozju kellu ftehim mal-fornituri tiegħu, li b'mod artifiċjali żiedu l-ispejjeż tat-tagħmir billi ffalsifikaw fatturi u dokumenti oħra. Is-sid tan-negozju żied dawn id-dokumenti mar-rekords

kontabilistiċi tal-kumpanija, li wasslu għad-dehra ta' żieda fl-ispejjeż fuq il-karta tal-bilanċ tal-kumpanija – u b'hekk żied l-ammont ta' finanzjament riċevut, filwaqt li ħeba l-qligħ finanzjarju frodulent, li kkawża dannu ta' EUR 580 000 lill-baġit tal-UE.

Il-qorti tat sentenzi ta' kustodja sospiżi ta' bejn disa' xhur u sena, kif ukoll multi li jvarjaw minn EUR 19 000 sa EUR 150 000. Peress li l-konvenuti wiegħbu haġta u ħallsu lura kompletament id-dannu qabel ma l-verdett sar finali, is-sentenzi tagħhom tnaqqsu b'terz.





FRODI RELATATA MA' NEFQA TA' AKKWIST

Madwar **8.5 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu jikkonċernaw **frodi suspettata relatata ma' nefqa ta' akkwist**. Ħafna drabi din il-frodi timmanifesta ruħha fil-**manipulazzjoni illegali tal-proċeduri tal-offerti għax-xogħlijiet pubbliċi**, bħar-rinnovazzjoni tal-bini tal-gvern u l-infrastruttura tat-trasport. Il-frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist titwettaq b'mod predominanti permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti. Il-falsifikazzjoni tad-dokumenti xi drabi titwettaq bħala reat marbut inseparabbilment. Diversi każijiet jinkludu l-involvement ta' uffiċjali pubbliċi korrotti.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-UPPE identifika xejriet ta' dan it-tip ta' użu frodulent tal-fondi tal-UE f'setturi bħall-agrikoltura, l-infrastruttura u l-iżvilupp reġjonali, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-affarijiet soċjali u r-riżorsi umani. Barra minn hekk, il-frodi li tikkonċerna l-fondi relatati mal-pandemija tal-COVID-19 qed tiġi investigata.

Xejriet komuni ta' dan it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Is-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz fi proċeduri ta' sejħa għal offerti**, li jindikaw b'mod falz li s-suspettat jissodisfa r-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti;
- **Is-sottomissjoni ta' dokumenti foloz** biex tinħeba l-kwalità tax-xogħlijiet jew tal-materjali miftiehma b'mod kuntrattwali użati (eż. ksur tar-rekwiżiti tekniċi, nuqqas ta' permessi ambjentali meħtieġa, użu ta' materjali ta' kwalità inferjuri);
- **L-offerti kollużivi, il-manipulazzjoni tal-offerti, jew il-“favoritiżmu” illegali** – bħal meta jiġu influwenzati l-bordijiet tal-għażla u injorati l-kunflitti ta' interess – marbuta ma' kuntratti pubbliċi, imfassla sabiex jagħtu l-offerta lil operatur ekonomiku speċifiku;
- **Il-qsim intenzjonat mill-awtorità ta' ġestjoni tal-offerta fi proċeduri differenti**, li jippermetti li l-istess benefiċjarji jevitaw evalwazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

Tlieta akkużati bi frodi tal-akkwist fil-Mużew tal-Istorja Nazzjonali f'Olomouc⁴⁵




F'Ġunju 2023, tliet persuni ġew akkużati bi frodi tal-akkwist f'investigazzjoni mmexxija mill-UPPE f'Zlín (iċ-Ċekja), f'manipulazzjoni suspettata ta' kuntratt pubbliku fil-Mużew tal-Istorja Nazzjonali f'Olomouc. Il-konvenuti kienu uffiċjal pubbliku li kien jaħdem mal-mużew, u żewġ eks impjegati oħra.

L-akkużi relatati mal-proġett “Mużew virtwali fl-edukazzjoni – l-użu ta' teknoloġiji diġitali ġodda fil-konnessjoni tal-edukazzjoni formali u informali”, iffinanzjat mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej tal-UE taħt il-Programm Operazzjonali “Riċerka, Żvilupp u Edukazzjoni”, mogħti mill-Ministeru Ċek tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Isport. Id-dannu stmat lill-baġits tal-UE u dawk nazzjonali huwa ta' madwar EUR 560 000.

Skont l-evidenza, mill-inqas 14-il membru tat-tim li apparentement kienu qed jaħdmu fuq il-proġett fil-fatt ma wettqu l-ebda waħda mill-attivitajiet allokatilhom mill-proġett. Barra minn hekk, tnejn mill-konvenuti ġew akkużati li ffavorixxew iżżejjed lil fornitur speċifiku matul il-proċedura għall-għoti tal-kuntratt pubbliku tal-proġett. Il-konvenut l-ieħor ġie akkużat ukoll bir-reat ta' abbuż ta' awtorità minn uffiċjal.

Sabiex tirkupra d-dannu lill-baġit tal-UE, il-pulizija Ċeka, f'isem l-UPPE, issekwestrat assi u proprjetà immobbli li jiswew EUR 600 000. L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



FRODI RELATATA MAD-DĦUL MILL-VAT

Sa tmiem l-2023, madwar **20 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **l-aktar forom serji ta' frodi tal-VAT**, marbuta mat-territorju ta' żewġ Stati Membri tal-UE jew aktar u li kkawżaw dannu totali ta' mill-inqas EUR 10 miljun.

Dan it-tip ta' frodi jitwettaq b'mod predominanti permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti relatati mal-VAT li jkunu foloz, mhux korretti jew mhux kompluti.

L-involviment ta' kumpaniji ta' "negozjant nieqes" u organizzazzjonijiet kriminali sofistikati li jaġixxu bejn il-fruntieri, huma elementi determinanti. Id-dannu ġenerali stmat f'każijiet ta' frodi tal-VAT investigati mill-UPPE matul il-perjodu ta' rapportar jammonta għal madwar **EUR 11.5 biljun**.

Is-setturi soġġetti għal dan it-tip ta' frodi kienu jinkludu is-settur awtomobilistiku, it-tajers għall-vetturi bil-mutur u n-negozjanti tal-karozzi, il-merkanzija tal-elettronika u tat-tessuti, is-servizzi tal-VolP, il-makkinarju tqil, il-prodotti tal-enerġija u farmaċewtiċi, il-hardware u s-software tal-IT, il-muniti tal-platinu, ir-roti elettriċi, u x-xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku.

Xejriet komuni ta' dan it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Frodi karusell imwettqa minn gruppi ta' kriminalità organizzata permezz ta' kumpaniji b'"negozjant nieqes" li jaġixxu f'diversi Stati Membri.** Dan it-tip ta' frodi spiss ikun marbuta ma' ħasil tal-flus li jinvolvi l-proprjetà derivata mill-iskema ta' frodi tal-VAT;
- **Dikjarazzjoni falza dwar l-oriġini ta' oġġetti importati minn pajjiż mhux tal-UE**, biex jiġu evitati l-pagament tal-VAT u d-dazji anti-dumping;
- **Abbuż tal-Proċedura Doganali 42**, fejn il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-VAT ma jiġux issodisfati, u fejn ma titihallas l-ebda VAT fl-Istat Membru fejn l-oġġetti effettivament jinbiegħu lill-konsumatur finali.
- **Frodi tal-VAT imwettqa minn persuni privati bl-użu tal-mekkaniżmu ta' kumpaniji filtri u l-hekk imsejja kumpaniji "paper mill"**, li joħorġu fatturi għal operazzjonijiet ineżistenti, b'rabta mal-operat tal-introduzzjoni fl-UE ta' oġġetti prodotti f'pajjiżi mhux tal-UE;
- **Frodi tal-VAT li tinvolvi dannu ta' anqas minn EUR 10 miljun**, investigati bħala reati marbuta inseparabbilment ma' skemi ta' frodi tad-dazji doganali, peress li ż-żewġ tipi ta' mġiba kriminali spiss jitwettqu permezz tal-istess atti.

L-UPPE jwettaq rejd f'organizzazzjoni kriminali li testendi għall-Amerika Latina f'investigazzjoni ta' EUR 25 miljun fi frodi tal-VAT⁴⁶



F'Novembru 2023, fuq talba tal-UPPE f'Madrid (Spanja), saru 13-il tfittxija u ġew arrestati 24 persuna, f'investigazzjoni ta' EUR 25 miljun fi frodi tal-VAT li tinvolvi l-kummerċ ta' tagħmir tal-IT, orkestrata minn grupp ta' kriminalità organizzata b'firxa li testendi għall-Amerika Latina.

Skont l-investigazzjoni, is-suspettati użaw labirint ta' kumpaniji bbażati fi Spanja, fi Stati Membri oħra u fl-Amerika Latina biex iċaqalqu l-akkwiżizzjonijiet intra-Komunitarji fil-kumpanija primarja tas-suspettati, li aġixxiet bħala l-punt ta' distribuzzjoni. L-iskema frodulenti ħadet vantaġġ mir-regoli tal-UE dwar it-tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri tagħha – peress li dawn huma eżentati mill-VAT – billi użat katina ta' negozjanti neqsin, li jisparixxu mingħajr

ma jissodisfaw l-obbligi tat-taxxa tagħhom. Kumpaniji oħra fil-katina frodulenti kienu sussegwentement jitolbu rimborżi tal-VAT mhux dovuti mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali.

L-evidenza turi wkoll li s-suspettati użaw strutturi u miżuri ta' sigurtà speċifiċi għal gruppi tal-kriminalità organizzata, inklużi applikazzjonijiet ta' komunikazzjoni elettronika użati biex jipprevjenu d-detezzjoni mill-pulizija, u li għaddew somom kbar ta' profitti illeċiti fl-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli.

L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



FRODI RELATATA MA' DĦUL MHUX MILL-VAT

Sa tmiem l-2023, madwar **9 %** tar-reati investigati mill-UPPE kienu jikkonċernaw **frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT – b'mod partikolari, frodi tad-dazji doganali u ta' anti-dumping** – l-aktar imwettqa permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti.

Dan it-tip ta' frodi kien jikkonċerna b'mod partikolari **l-kuntrabandu u l-kummerċ** fil-prodotti tat-tabakk, l-elettronika, ir-roti, il-prodotti industrijali, il-parts tal-bdil jew il-prodotti li jitħassru (eż. pejst tat-tadam), it-tessuti, il-prodotti mediċi (eż. maskri u ġagagi), il-kożmetiċi, il-fibra tal-ħġieġ, il-pannelli solari, il-profilu tal-aluminju prodotti għal użi industrijali, l-azzar, il-viti, il-madum taċ-ċeramika u l-bijodiżil.

Xejriet komuni ta' dan it-tip ta' frodi jinkludu:

- **Is-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet doganali mhux korretti u fatturi foloz** sabiex jiġu evitati d-dazji doganali u d-dazji anti-dumping, billi l-oġġetti importati jiġu sottovalutati, jiġi ddikjarat il-produttur ħażin jew jiġi ddikjarat il-pajjiż ta' oriġini ħażin;
- **Dikjarazzjonijiet doganali foloz dwar l-importazzjonijiet** rigward l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ imwettqa fuq l-oġġetti importati (immuntati f'pajjiż tal-UE jew pajjiż mhux tal-UE minn partijiet li joriġinaw miċ-Ċina, eż. roti) sabiex jiġu evażi d-dazji doganali;
- **L-abbuż tal-Proċedura Doganali 42**, jekk il-kundizzjonijiet tad-dikjarazzjoni doganali ma jiġux issodisfati, u/jew il-kontenut tad-dikjarazzjoni doganali jiġi ddikjarat b'mod mhux korrett (eż. billi jiġi ssovalutat il-valur tat-tranżazzjoni).
- **L-importazzjoni ta' roti elettroniċi**, rispettivament immuntati b'partijiet tar-roti, li ġew sottomessi għal dazji anti-dumping permezz tad-dikjarazzjoni falza tal-oriġini tal-oġġetti.

Tlieta misjuba ħatja ta' kuntrabandu ta' importazzjoni ta' karożżi lussużi u evażjoni tat-taxxa organizzata⁴⁷



Fit-22 ta' Awwissu 2023, il-Qorti Reġjonali ta' Osnabrück sabet ħatja tliet individwi u tliet kumpaniji ta' kuntrabandu ta' importazzjoni u evażjoni tat-taxxa organizzata. Dan sar wara investigazzjoni, bl-isem ta' kodiċi "Flus kontanti", immexxija mill-UPPE f'Hamburg (il-Ġermanja), u mwettqa mill-Uffiċċju ta' Investigazzjoni Doganali ta' Hannover mill-2021.

Iż-żewġ konvenuti ewlenin, it-tnejn li huma mill-Ġermanja, kienu suspettati li jittrasportaw karożżi lussużi minn pajjiżi mhux tal-UE lejn l-UE, bil-preżentazzjoni ta' dokumenti foloz tal-iżdoganar tal-merkanzija. Konsegwentement, ma tħallas l-ebda dazju tal-importazzjoni fuq dawn il-vetturi. Investigazzjonijiet ulterjuri żvelaw li matul l-2021, dawn kienu biddlu *l-modus operandi* tagħhom u kienu qed jittrasportaw il-karożżi lussużi mixtrija lejn in-Netherlands bil-baħar, bl-ajru jew bl-art bl-appoġġ tat-tielet konvenut.

Il-qorti sabet wieħed mill-konvenuti ewlenin ħati ta' kuntrabandu organizzat u professjonali u ta' kuntrabandu kummerċjali, u imponiet sentenza ta' kustodja ta' tliet snin u sitt xhur ħabs.

Il-konvenut ewlieni l-ieħor ġie kkundannat għal sentenza ta' kustodja sospiża ta' sena u erba' xhur għall-kuntrabandu.

It-tielet konvenut, ċittadin Estonjan, ġie kkundannat għal sentejn ħabs għal kuntrabandu organizzat u professjonali, u għall-faċilitazzjoni ta' kuntrabandu organizzat u professjonali.

Aktar minn EUR 1 miljun tad-dazji tal-importazzjoni evażi ġew żgurati permezz tal-konfiska ta' erba' karożżi lussużi li kienu diġà ġew issekwestrati f'Diċembru 2021, u l-kumpens finanzjarju pprovdut sa issa minn tnejn mill-konvenuti.

Fis-sentenza kontra wieħed mill-konvenuti, inħarġet ordni ta' konfiska ta' kważi EUR 2.3 miljun kontra l-kumpanija li huwa gġestixxa. L-Uffiċċju ta' Investigazzjoni Doganali ta' Hannover imbagħad wettaq tftitxija oħra fil-bini tal-kumpanija fil-bidu ta' Settembru 2023, u għiet ikkonfiskata karożza sportiva b'valur ta' EUR 300 000.

Is-sentenza għadha mhijiex finali, peress li l-avukati tad-difiża ta' wħud mill-konvenuti appellaw; huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



KORRUZZJONI

Madwar **3 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu jikkonċernaw **il-korruzzjoni attiva u passiva tal-uffiċjali pubbliċi** (uffiċjali tal-UE u dawk nazzjonali). B'mod partikolari, **il-proċeduri ta' akkwist pubbliku** nstabu li huma f'riskju ta' attivit ta' korruzzjoni minn uffiċjali pubbliċi, jew fil-kapaċit tagħhom bħala membri ta' bordijiet ta' evalwazzjoni jew permezz ta' tentattivi illeċiti li jinfluenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet f'tali proċeduri.

Xejriet komuni ta' dan it-tip ta' frodi jinkludu:

- **It-tixħim ta' uffiċjali pubbliċi**, bi skambju għall-għoti ta' fondi tal-UE għal proposti speċifiċi ta' proġetti jew servizzi;
- **It-tixħim tal-uffiċjali pubbliċi**, bi skambju għall-approvazzjoni ta' kostijiet addizzjonali ineliġibbli u eċċessivi, matul il-faġi ta' eżekuzzjoni tal-proġett;

L-UPPE investiga wkoll it-tixħim ta' uffiċjal pubbliku, bħala kumpens talli influwenzata investigazzjoni tal-UPPE li għadha għaddeġja.

56 persuna u żewġ kumpaniji akkużati b'assoċjazzjoni kriminali mmirata lejn l-użu frodulenti tal-fondi u l-korruzzjoni fundamentali fil-qasam agrikolu⁴⁸



F'Ottubru 2023, l-UPPE f'Palermo (l-Italja) akkuża 56 individwu u żewġ kumpaniji, f'investigazzjoni fl-assoċjazzjoni kriminali organizzata, il-korruzzjoni u l-frodi li jinvolvu fondi agrikoli fi Sqallija.

F'Ġunju 2022, il-Pulizija Finanzjarja Taljana (Guardia di Finanza) f'Palermo skopriet evidenza ta' web ta' attivitajiet kriminali organizzati li jinvolvu uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli u professjonisti tal-industrija. Dan wassal għal suspetti serji dwar l-eżistenza ta' grupp ta' kriminalit organizzata, li kapaċi jmxexxi deċiżjonijiet sabiex jippermetti li l-kumpaniji privati li joperaw fl-inħawi ta' Palermo jirċievu finanzjament agrikolu minn sorsi tal-UE u minn sorsi nazzjonali, fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Bħala parti mill-investigazzjoni, 12-il suspettat tpoġġew taħt detenzjoni domiċiljari, u 10 suspettati addizzjonali kienu obbligati jidhru quddiem il-pulizija ġudizzjarja. Ġew ikkonfiskati flus u assi li jiswew madwar EUR 2.5 miljun b'mod preventiv. Minn dak iż-żmien, l-investigazzjoni pproduċiet sejbiet kruċjali, li jindikaw l-eżistenza ta' assoċjazzjoni kriminali li tinvolvi uffiċjal pubbliku u membri ta' uffiċċju tekniku f'Marneo. Huwa mifhum li dan il-grupp eżerċita influwenza mhux dovuta fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-uffiċjali pubbliċi mill-Ispettorat Provinċjali tal-Agricoltura (IPA) tar-reġjun ta' Sqallija, filwaqt li żgura li l-klijenti tiegħu ngħataw perċentwal għoli b'mod sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għall-finanzjament, li rriżulta fi gwadann finanzjarju sinifikanti għall-membri tal-grupp.

Skont l-investigazzjoni, l-uffiċjali pubbliċi mill-IPA, li kienu responsabbli għall-evalwazzjoni tal-eligibbilt tat-talbiet għal finanzjament, iffavorixxew b'mod sistematiku lill-uffiċċji tekniki addizzjonali, inklużi dawk ta' agronomi u inġiniera, matul il-fażijiet tal-ipproċessar u amministrattivi tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament. Din il-preferenza tidher li ġiet ikkultivata permezz ta' relazzjonijiet fit-tul. Il-materjali investigattivi jissuġġerixxu aktar minn 20 applikazzjoni għall-finanzjament mogħtija illegalment, u żewġ każijiet ta' korruzzjoni allegata li jinvolvu uffiċjali pubbliċi u intraprendituri privati. Barra minn hekk, firxa ta' reati kontra l-ordni pubbliku – bħall-assoċjazzjoni kriminali – u kontra l-amministrazzjoni pubblika – inklużi l-abbuż tal-kariga, l-iżvelar ta' sigrieti uffiċjali, il-falsifikazzjoni ta' materjali/ideoloġika f'dokumenti pubbliċi, is-soppressjoni, il-ħabi, u l-qerda ta' rekords pubbliċi – allegatament twettqu mill-uffiċjali pubbliċi tal-IPA f'Palermo, u minn membri oħra tal-grupp f'diversi rwoli. Dawn l-allegazzjonijiet, appoġġati mid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Rieżami ta' Palermo, ġew aċċettati mill-imħallef tas-smiġħ preliminari f'Termini Imerese, u dan wassal għall-att tal-akkuża tal-individwi kollha ssuspettati b'involverment, f'diversi kapaċitajiet, fir-riċevuta illeċita ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi.

L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



MIŻAPPROPRJAZZJONI

Madwar **1.5 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu jikkonċernaw miżapproprjazzjoni.

Il-miżapproprjazzjoni ssejtn jekk uffiċjal pubbliku, li jkun inkarigat mill-ġestjoni tal-fondi jew tal-assi, jimpjenjahom, jiżborzahom, jallokahom jew jużahom għal skop ieħor għajr dak li kienu oriġinarjament maħsuba għalih, u b'hekk jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-UE.

Il-miżapproprjazzjoni ta' spiss timmanifesta ruħha fid-devjazzjoni tal-fondi tal-UE minn persuni suspettati li jippreżentaw dokumenti jew fatturi foloz relatati ma' karigi fittizji jew ma' talbiet mhux dovuti ta' rimborż (pereżempju, spejjeż tal-ivvjaġġar foloz), jew jittrasferixxu remunerazzjonijiet uffiċjali tal-UE lil individwi li ma jkunux intitolati li jirċevuhom. Diversi każijiet ta' miżapproprjazzjoni jinvolvu l-użu f'żona ta' fondi mogħtija għall-Assistenti Parlamentari Ewropej.

Approprjazzjoni indebita u miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-UE minn prinċipal tal-iskola pubblika fl-Italja – studenti mċaħħda minn ikliet u kompjuters tal-iskola⁴⁹



Fil-21 ta' April 2023, il-Carabinieri ta' Palermo (l-Italja) wettqu miżuri restrittivi ta' detenzjonijiet domiċiljari kontra tliet suspettati, abbażi tas-sejbiet ta' investigazzjoni f'approprjazzjoni indebita u korruzzjoni mmexxija mill-UPPE. Tnejn mis-suspettati huma uffiċjali pubbliċi – prinċipal tal-iskola pubblika u d-deputat tagħha – li huma allegati li għamlu approprjazzjoni indebita kemm tal-fondi tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali, relatati ma' diversi proġetti tal-iskola pubblika f'żona soċjalment deprivata.

Skont l-investigazzjoni li għadha għaddejja, is-suspettati ddikjaraw b'mod falz in-numru ta' studenti fi skola biex jiġġustifikaw li jirċievu programmi ta' boroż ta' studju ffinanzjati mill-UE għall-istudenti tal-iskola pubblika.

Dawn il-proġetti qatt ma ġew implimentati, jew ġew implimentati biss parzjalment. Barra minn hekk, huwa mifhum li ammonti sinifikanti ta' provvisti tal-ikel u apparat għoli tal-kompjuter u teknoloġiku – li kienu maħsuba għall-istudenti – kienu nħażnu fl-uffiċċju tal-prinċipal, u mbagħad ġew miżapproprjati mill-prinċipal u mid-deputat tagħha. Attwalment, id-dannu huwa stmat li hu aktar minn EUR 100 000.

L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



ĦASIL TAL-FLUS

Madwar **5 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu jinvolvu l-**ħasil tal-flus** derivat mir-reati kriminali msemmija hawn fuq li l-UPPE huwa kompetenti li jinvestiga.

Il-ħasil tal-flus huwa l-proċess li bih ir-rikavati kriminali "jitnaddfu", sabiex l-oriġini illegali tagħhom jiġu moħbija. Il-kriminali jużaw sistemi finanzjarji illeċiti biex jipproċessaw tranżazzjonijiet u pagamenti lil hinn mill-mekkaniżmi ta' sorveljanza. **Il-ħasil tal-flus f'investigazzjonijiet tal-UPPE li għadhom għaddejnin jidher prinċipalment f'każijiet ta' frodi tal-VAT.**

Jista' jitwettaq ukoll bi proprjetà derivata mis-sottovalutazzjoni tad-dazji doganali (frodi ta' dħul mhux mill-VAT) jew mill-iffrodar ta' sussidji (agrikoli) (frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist).

Is-suspettati jistgħu jaħslu s-somom miksuba b'mod mhux xieraq billi jittrasferixxuhom f'kontijiet bankarji ta' kumpaniji maħluqa barra mill-pajjiż jew ġestiti minn membri tal-familja, u potenzjalment wara jiġbdu l-flus fi flus kontanti. Il-ħasil tal-flus jitwettaq ukoll permezz tax-xiri ta' proprjetà immobbli jew ta' oġġetti lussużi u l-bejgħ mill-ġdid tagħhom, li jagħmilha aktar diffiċli biex jiġu traċċati l-fondi, u billi l-profitti minn attivitajiet kriminali jiġu investiti mill-ġdid f'attivitajiet ekonomiċi fi swieq leċiti jew illeċiti (bħat-traffikar tad-droga).

L-Investigazzjoni Admiral tiskopri skema massiva ta' frodi tal-VAT u ħasil tal-flus, b'telf stmat sa EUR 2.2 biljun⁵⁰




F'Diċembru 2023, l-UPPE f'Porto (il-Portugall) ippreżenta att tal-akkuża kontra 12-il suspettat u 15-il kumpanija fil-kuntest ta' investigazzjoni fi skema massiva ta' frodi tal-VAT li kienet testendi f'aktar minn 30 pajjiż, imsejġha bil-kodiċi "Admiral".

Huwa allegat li l-konvenuti użaw network ta' kumpaniji biex jevadu l-pagament tal-VAT waqt li kienu qed jinnegożjaw f'apparati elettroniċi, bl-użu ta' fatturi u dikjarazzjonijiet tat-taxxa frodulenti. L-iskema frodulenti ħadet vantaġġ mir-regoli tal-UE dwar it-tranżazzjonijiet transfruntiera bejn l-Istati Membri tagħha – peress li dawn huma eżentati mill-VAT – billi użat katina ta' kummerċjanti li ma ssodisfawx l-obbligi tat-taxxa tagħhom.

Il-persuni suspettati huma akkużati wkoll bil-ħasil tal-flus, billi għaddew il-profitti illeċiti mill-VAT lill-kontijiet bankarji f'pajjiżi mhux tal-UE. Skont l-evidenza, sabiex tinħeba l-oriġini kriminali tal-profitti, il-konvenuti investew fil-proprjetà immobbli u fil-bejgħ ta' prodotti ta' lussu fl-UE, u matul il-proċess akkumulaw ħafna ġid. Maniġer bankarju privat huwa mifhum li għen lill-grupp biex jiġu evitati r-regoli fis-seħħ kontra l-ħasil tal-flus.

Jekk jinstabu ħatja, il-konvenuti jiffaċċjaw sa 25 sena ħabs. Id-dannu stmat fil-Portugall biss jammonta għal aktar minn EUR 80 miljun. It-telf stmat lill-UE u lill-baġits nazzjonali taħt l-investigazzjoni Admiral jista' jammonta għal EUR 2.2 biljun.

L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



PARTEĊIPAZZJONI F'ORGANIZZAZZJONI KRIMINALI

Madwar **5 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu jikkonċernaw il-**parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali**, li ffukat l-attività kriminali tagħha fuq it-tweġġ ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija hawn fuq. F'investigazzjonijiet tal-UPPE li għadhom għaddejnin, il-**parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali spiss tinstab b'rabta**

ma' skemi ta' frodi karusell tal-VAT jew ma' frodi doganali. Madankollu, l-organizzazzjonijiet kriminali joperaw ukoll fil-qasam tal-frodi mhux ta' akkwist (pereżempju, iffrodar organizzat ta' fondi agrikoli) jew frodi ta' akkwist (bħal parteċipazzjoni illegali f'diversi proċeduri ta' akkwist fuq skala kbira).

Tlieta miżmuma għal frodi li tinvolti riċerka medika u tal-IT, EUR 8.5 miljun ikkonfiskati⁵¹



F'Ġunju 2023, l-UPPE f'IAși (ir-Rumanija) żamm tliet persuni u kkonfiska EUR 8.5 miljun, f'investigazzjoni f'organizzazzjoni kriminali suspettata li kisbet miljuni f'fondi tal-UE għar-riċerka medika u tal-IT.

Ir-ringlider suspettat tal-grupp inqabad fit-28 ta' Ġunju 2023, hekk kif ipprova jgħaddi mill-kontroll tal-passaporti fl-Ajruport Internazzjonali ta' Bucharest biex jitla' abbord titjira lejn Aten. Żewġ suspettati oħra nżammu wkoll fl-istess ġurnata. Dawn tqiegħdu taħt kontroll ġudizzjarju mill-qorti; ġew ipprojbti milli jtilqu mill-pajjiż u jikkuntattjaw lil partijiet oħrajn fil-proċess, u ġew soġġetti wkoll għal preżentazzjoni perjudika obbligatorja fl-għassa tal-pulizija tal-post ta' residenza tagħhom.

Ir-reati li qed jiġu investigati jinkludu frodi relatata ma' nefqa, ħasil tal-flus, it-twaqqif ta' organizzazzjoni kriminali u falsifikazzjoni tad-dokumenti. Il-każ jikkonċerna żewġ proġetti għax-xiri ta' tagħmir mediku u tal-IT u liċenzji tas-software, li ġew iffinanzjati sa 70 % mill-UE. Wieħed mill-proġetti kellu l-għan li jstabbilixxi dipartiment tar-riċerka għat-trattament ta' mard newromotorju, u l-ieħor, li jiżviluppa programmi ta' software innovattivi għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' oġġetti. Il-valur totali tal-kuntratti jammonta għal madwar EUR 9 miljun.

Skont il-kuntratti ta' finanzjament tal-UE tal-proġetti, il-benefiċjarji kellhom iħallsu u jipprovdu prova tal-pagament tal-kontribuzzjoni privata tagħhom, u dan jammonta għal 30 % tal-valur ta' kull fattura maħruġa mill-fornituri tat-tagħmir, u wara biss kienu intitolati li jiksbu l-pagament tas-70 % li jifdal.

Madankollu, skont l-investigazzjoni, is-suspettati ssimulaw il-proċedura għall-għoti tal-kuntratti ta' akkwist għat-tagħmir meħtieġ, sabiex jingħataw iż-żewġ kuntratti tal-fornitur lil kumpanija taħt il-

kontroll tagħhom, li fil-fatt ma kellhiex il-kapaċità jew ir-riżorsi biex tixtrihom. Barra minn hekk, huwa mifhum li s-suspettati użaw kumpanija oħra taħt il-kontroll tagħhom biex jipproduċu fatturi bi prezzijiet eċċessivi b'mod sinifikanti (madwar tliet darbiet il-prezz reali).

Huwa suspettat ukoll li l-membri tal-grupp iffalsifikaw dokumenti biex jiċċertifikaw li t-tagħmir kien inxtara u kien qed jiffunzjona kif suppost. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, skont l-evidenza, it-tagħmir inxtara f'data ħafna aktar tard, wara li s-suspettati kienu rċevew b'mod mhux xieraq il-pagamenti mingħand l-awtorità ta' ġestjoni tal-fondi tal-UE.

Huwa allegat li s-suspettati, sabiex jiċċertifikaw il-pagament tal-kontribuzzjoni privata tagħhom, stabbilixxew ċirkwiti simulati ta' pagament għal kull fattura, billi ddepożitaw flus kontanti fil-kontijiet tal-benefiċjarji, ittrasferew il-pagament tat-tagħmir fil-kontijiet tal-fornitur taħt il-kontroll tagħhom, u aktar tard ġibdu l-flus fi flus kontanti għall-benefiċċju tagħhom stess. Skont l-evidenza, sehem mill-profitti illeċiti ntuża għal attivitajiet ta' divertiment u vvjaġġar internazzjonali tar-ringlider issuspettat lejn diversi Stati Membri, kif ukoll għaż-żamma ta' jott b'magna.

Huwa mifhum li l-organizzazzjoni kriminali suspettata kisbet b'mod frodulent madwar EUR 4 miljun f'fondi tal-UE.

Sabiex jiġi rkuprat id-dannu lill-baġit tal-UE, ġiet issekwestrata l-proprjetà immobbli tas-suspettati, li tammonta għal EUR 8.5 miljun. Il-liġi tistabbilixxi li, għal kull suspettat, is-sekwistri għandhom jiġu applikati sal-ammont totali probabbli tad-dannu kkawżat.

L-investigazzjoni ta' dan il-każ tkompli, u l-persuni suspettati huma intitolati għall-preżunzjoni tal-innoċenza.



REAT MARBUT INSEPARABBILMENT

Madwar **14 %** tar-reati investigati mill-UPPE sa tmiem l-2023 kienu reati kriminali oħra li huma **marbuta inseparabbilment ma' reat PIF**.

L-investigazzjoni effiċjenti ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE u l-prinċipju ta' **ne bis in idem**⁵² jistgħu jirrikjedu, f'ċerti każijiet, estensjoni tal-investigazzjoni għal reati oħra skont il-liġi nazzjonali, meta l-fatti sottostanti jkunu sostanzjalment l-istess.

Ir-reat l-aktar komuni marbut inseparabbilment huwa dak tal-**falsifikazzjoni**, u normalment jakkumpanja reati ta' frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist jew ta' akkwist imwettqa permezz tal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti. Il-falsifikazzjoni tinstab ukoll f'każijiet ta' frodi tad-dħul mill-VAT u mhux mill-VAT. F'xi każijiet, il-frodi tal-VAT li tinvolvi dannu ta' inqas minn EUR 10 miljun tiġi investigata bħala reat marbut inseparabbilment mal-frodi doganali, peress li ż-żewġ tipi ta' mgħiba spiss jitwettqu permezz tal-istess atti.

Sid ta' negozju li nstab ħati ta' frodi u falsifikazzjoni ta' sussidji⁵³



Fit-18 ta' Lulju 2023, il-Qorti tal-Kontea ta' Zagreb (il-Kroazja) ikkundannat sid negozju bi frodi tas-sussidji u r-reat marbut inseparabbilment tal-falsifikazzjoni tad-dokumenti, wara att tal-akkuża mill-UPPE. Huwa ngħata sentenza ta' 11-il xahar priġunerija, li nbidlet għal servizz komunitarju u multa ta' EUR 26 512. Il-verdett kien ir-riżultat ta' sentenza fuq talba tal-partijiet, peress li l-konvenut wieġeb ħati għall-akkużi kollha u ħallas id-dannu kkawżat mit-twettiq tar-reati kriminali.

Bejn Marzu 2015 u Novembru 2021, iċ-ċittadin Kroat, is-sid ta' azjenda agrikola tal-familja, kiseb għotjiet mhux rimborsabbli fuq skala kbira għal proġetti agrikoli, kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-baġit tal-istat tar-Repubblika tal-Kroazja. Fl-applikazzjonijiet tiegħu,

huwa ddikjara b'mod falz li għandu l-mezzi finanzjarji neċessarji għall-implimentazzjoni tal-proġetti proposti. Barra minn hekk, sussegwentement huwa sostna li għamel pagamenti lill-fornituri, liema pagamenti qatt ma saru. Huwa ddikjara wkoll b'mod falz li ma kellu l-ebda dejn mal-baġit statali tar-Repubblika tal-Kroazja.

B'kollox, is-sid tan-negozju żgħir baġhat tliet talbiet għall-approvazzjoni u għall-pagament ta' appoġġ mhux rimborsabbli għall-proġetti ta' negozju tiegħu. Għal waħda mit-talbiet, l-aġenzija tal-pagamenti ttrasferiet EUR 221 873.84 fuq il-kont bankarju tan-negozju tiegħu. Fir-rigward taż-żewġ talbiet l-oħra, il-pagamenti ma sarux, peress li l-aġenzija kienet skopriet li s-suspettat kellu djun mal-baġit tal-istat tar-Repubblika tal-Kroazja.

Fil-fokus: NextGenerationEU

Sa tmiem l-2023, l-UPPE kellu 206 investigazzjonijiet attivi relatati mal-finanzjament ta' NextGenerationEU, b'dannu stmat ta' aktar minn EUR 1.8 biljun. Dan jirrappreżenta madwar 15 % tal-każijiet kollha ta' frodi relatata ma' nefqa ttrattati mill-UPPE matul il-perjodu ta' rapportar, iżda f'termini ta' dannu stmat, dan jikkorrispondi għal kważi 25 %. Dan juri li l-finanzjament ta' NextGenerationEU huwa mira għall-frodaturi.



L-investigazzjonijiet tagħna kienu jikkonċernaw varjetà ta' proġetti ffinanzjati taħt NextGenerationEU: **it-trasport pubbliku; l-infrastruttura pubblika; l-ekonomija u t-teknoloġija ekoloġiċi; l-appoġġ lill-kompetittività tal-kumpaniji; l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali; it-taħriġ u l-iżvilupp; l-edukazzjoni u r-riċerka; is-saħħa; u l-amministrazzjoni pubblika.** Ftaħna wkoll investigazzjonijiet ta' reati relatati ma' programmi speċifiċi, bħall-**"bonus ta' tiswija"** u l-**"bonus tal-enerġija"**, imfassla biex jappoġġaw liċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet ambjentalment sostenibbli.

L-użu ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, jew in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligi speċifiċi, kienu bil-bosta l-għodod l-aktar komuni għat-tqarriq bl-awtoritajiet pubbliċi. L-għan ewlieni tal-applikanti kien li **jaħbu n-nuqqas ta' kriterji essenzjali jew vantaġġużi** – sitwazzjonijiet ekonomiċi, legali u fattwali – għall-kisba tal-finanzjament, jew li ma jiddikjarawx sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess jew ta' finanzjament doppju li jipprevjenu l-finanzjament. Ir-reati strumentali l-aktar komuni rreġistrati f'każijiet tal-UPPE kienu relatati mal-**falsifikazzjoni ta' dokumenti** jew mal-**preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet foloz lill-awtorità pubblika.**

L-investigazzjonijiet fil-frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist kienu jnvolvu wkoll reati bħall-**immanuvrar tal-offerti** jew **frodi fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.**

F'diversi każijiet, il-frodi kienu relatati ma' fondi li kienu ntbagħtu lill-benefiċjarji bħala pagament bil-quddiem, sabiex ikampaw mal-ispejjeż tal-fażi inizjali ta' proġett. Fil-fatt, dawn il-benefiċjarji rriżultaw li kienu **kumpaniji fittizji** jew **operaturi ekonomiċi fittizji;** fil-fatt il-proġetti ma twettqux u l-fondi ġew ittrasferiti immedjatament lill-kontijiet bankarji barra mill-pajjiż, b'destinazzjoni finali f'pajjiżi mhux tal-UE. F'tali każijiet, bħala regola, l-UPPE ta bidu għal investigazzjonijiet fil-**ħasil tal-flus** ukoll.

L-UPPE ta bidu wkoll għal investigazzjonijiet f'għemil ħażin possibbli minn uffiċjali pubbliċi, inklużi **reati relatati mal-korruzzjoni.** Dawn huma każijiet fejn l-uffiċjali pubbliċi jkunu ssuspettati li aġixxew illegalment favur benefiċjarji privati, jew f'sitwazzjonijiet ta' **kunflitt ta' interess**, u fejn ir-reat ta' abbuż ta' awtorità uffiċjali jew setgħa jkun irreġistrat. It-**tixħim** ġie investigat ukoll mill-UPPE, bħala reat strumentali fl-għoti ta' kuntratti u proġetti lil suġġetti speċifiċi, kemm fil-frodi ta' akkwist kif ukoll fil-frodi mhux ta' akkwist.

FI-2023, l-UPPE kien għadu kif beda jidentifika l-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti f'din l-attività frodulenti. Il-*modus operandi* tagħhom diġà huwa ċar, għalkemm kumpless. In-networks kriminali **jorganizzaw** numru kbir ta' **kumpaniji fittizji** u **operatori ekonomiċi fittizji**, jirreklutaw **frontmen** u **faċilitaturi professjonali**, u jikkoordinaw il-preżentazzjoni ta' **kontabilità** u **burokrazija legali**, filwaqt li jfasslu bir-reqqa d-**dikjarazzjonijiet foloz** u d-**dokumenti ffalsifikati**. L-attività titwettaq f'diversi territorji, u l-operatori ekonomiċi għandhom id-dehra li jkunu attivi f'setturi differenti ħafna u maqtugħa minn xulxin, sabiex jaħbu li din tkun scam organizzata waħda fuq skala kbira, u mhux diversi frodi mhux konnessi ta' skala żgħira. Madankollu, l-investigazzjonijiet tagħna wrew li normalment ikun hemm **ċentru operazzjonali uniku** fejn il-frodi tkun ikkoordinata u d-dokumenti jiġu mħejjija, u li l-istess esperti, kontabilisti u faċilitaturi professjonali oħra joffru s-servizzi tagħhom lis-suġġetti kollha involuti.



L-iscam hija organizzata f'livell ogħla, minn individwi li ma jidher li għandhom l-ebda rwol fil-frodi speċifika iżda jieħdu azzjoni minn wara l-kwinti. Dawn huma strettament marbuta ma' **gruppi kriminali organizzati serji**, li huma l-benefiċjarji effettivi tal-gwadanji illegali.



FI-2023, is-sorsi ewlenin ta' detezzjoni u rapportar lill-UPPE f'dan il-qasam kienu, bil-bosta, **l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi**. Il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw **frodi** f'dan il-qasam kienet l-aktar b'saħħitha meta ħadu approċċ analitiku proattiv.

Il-**partijiet privati** ikkontribwew ukoll sehem ġust, f'konformità mar-reżonanza pubblika tal-finanzjament ta' NextGenerationEU.

Ir-rapportar mill-**istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE** kien minimu.

Irkupru tar-rikavat minn attività kriminali

Fl-2023, twettqu **475 azzjoni ta' rkupru** f'**19** mill-Istati Membri parteċipanti (l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja). B'kollox, l-UPPE **talab biex aktar minn EUR 1.53 biljun** jiġu **ssekwestrati**, u **ngħata s-sekwestru ta' EUR 1.5 biljun**.



Dan jirrappreżenta 22 darba l-baġit tal-UPPE fl-2023.

Il-konfiski finali ta' aktar minn EUR 60 miljun ġew ordnati mill-qrati f'każijiet solvuti b'mod definittiv.

L-oġġla sekwestru uniku kien aktar minn EUR 9.9 miljun fi strumenti monetarji. Fi tmien każijiet, ġie rkuprat total ta' aktar minn EUR 7.5 miljun qabel il-proċess kriminali. Fi 22 każ intalbet konfiska estiża, sabiex jitrażżnu l-assi li s-suspettati kienu ħadu xi miżuri protettivi għalihom sabiex tiġi evitata l-konfiska. L-UPPE għamel użu estensiv ta' konfiska bbażata fuq il-valur biex jippermetti l-irkupru. L-UPPE għamel ukoll diversi talbiet ta' konfiska (41) bl-intenzjoni li jiżgura azzjonijiet ċivili possibbli.



L-assi ewlenin issekwestrati kienu kontijiet bankarji, segwiti minn proprjetà immobbli, vetturi, flus kontanti kif ukoll ishma, kriptovaluti, viereg tad-deheb u tal-fidda, pitturi u oġġetti ta' lussu. Merkanzija kriminali – bħal tagħmir elettroniku, makkinarju, tagħmir, prodotti tal-ħwejjeġ, oġġetti tad-dar, ġugarelli jew komponenti tar-roti elettroniċi – ġiet issekwestrata u tneħħiet mis-suq, u dan effettivament ċaħħad lill-kriminali mill-benefiċċju tal-attivitajiet illeċiti tagħhom.





**ATTIVITÀ
TAL-KULLEĠĠ**



Attività tal-Kulleġġ

Il-Kulleġġ tal-UPPE huwa responsabbli għas-sorveljanza ġenerali tal-attivitajiet tal-UPPE, għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet strateġiċi, u għal kwistjonijiet ġenerali li jirriżultaw minn każijiet individwali – I-aktar biex jiġu żgurati l-koerenza, l-effiċjenza u l-konsistenza fil-politika tal-UPPE dwar il-prosekuzzjoni fl-Istati Membri parteċipanti kollha.



Matul l-2023, il-Kulleġġ iltaqa' 22 darba u adotta 73 deċiżjoni⁵⁴.

F'dan il-perjodu, il-Kulleġġ adotta l-Istrateġija Kontra l-Frodi 2023-2025 tiegħu⁵⁵, il-politika kontra l-fastidju għall-persunal⁵⁶ u għall-Membri tal-Kulleġġ jew għall-Prosekuturi Delegati Ewropej⁵⁷, u qabel dwar arranġamenti ta' ħidma mal-Istruttura Speċjali Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata tar-Repubblika tal-Albanija, iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tar-Repubblika tal-Moldova, l-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna, il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Renju tad-Danimarka (Stat Membru tal-UE li ma jipparteċipax fl-UPPE) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Bożnija-Ħerzegovina⁵⁸.

Il-Kulleġġ ikkonkluda wkoll arranġament ta' ħidma li jstabilixxi l-metodi ta' kooperazzjoni bejn l-UPPE u: l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA); l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA); l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA); l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA); l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA); u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)⁵⁹.

Il-Kulleġġ ikkonkluda wkoll arranġamenti ta' ħidma li jstabilixxu kooperazzjoni dwar attivitajiet ta' taħriġ fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament ta' twaqqif tiegħu, inkluż man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), mal-Guardia di Finanza u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)⁶⁰.

Bil-benefiċċju tal-esperjenza operazzjonali, il-Kulleġġ emenda d-deċiżjonijiet li kien għamel preċedentement, rigward: ir-regoli finanzjarji emendati tal-UPPE, adottati fl-2021, sabiex isir progress fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE relatati ma' investigazzjonijiet transfruntiera, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2023) 1143 finali tal-15 ta' Frar 2023⁶¹; ir-regoli dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-UPPE⁶²; u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej (CEEDP)⁶³.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-operazzjonijiet, il-Kulleġġ adotta l-fluss tax-xogħol dwar il-każijiet tal-UPPE miftuħa fl-Eurojust, li jinvolvu Stati Membri mhux parteċipanti u/jew pajjiżi mhux tal-UE, fuq talba tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat⁶⁴, u politika ġdida dwar il-partijiet privati⁶⁵.

Bħala l-awtorità tal-ħatra, il-Kulleġġ ħatar Viċi Kap Prosekutur Ewropew ġdid (DECP)⁶⁶ u ġedded il-perjodu tal-mandat tad-DECP l-ieħor⁶⁷. Ħatar ukoll Prosekuturi Delegati Ewropej fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Italja, fil-Litwanja, fil-Portugall, fir-Rumanija u fi Spanja⁶⁸, u l-Bord ta' Tmexxija Diġitali tal-UPPE⁶⁹.

Il-Kulleġġ adotta wkoll l-Abbozz tal-Baġit 2024⁷⁰, l-Abbozz tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni għall-perjodu 2024-2026⁷¹, ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) tal-UPPE għall-2022⁷² u d-Dokumenti Uniċi ta' Programmazzjoni tal-UPPE għall-perjodi 2022-2024⁷³ u 2023-2025⁷⁴.





**ATTIVITÀ
TAL-AWLI
PERMANENTI**



Attività tal-Awli Permanenti

L-Awli Permanenti jimmonitorjaw u jidderieġu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet imwettqa mill-Prosekuturi Delegati Ewropej, jiżguraw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'każijiet transfruntiera u, billi jimplimentaw id-deċiżjonijiet adottati mill-Kulleġġ, jiżguraw il-koerenza, l-effiċjenza u l-konsistenza fil-politika tal-UPPE dwar il-prosekuzzjoni fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

Il-każijiet jiġu allokati b'mod każwali lill-Awli Permanenti immedjatament wara r-reġistrazzjoni Kull waħda mill-15-il Awla Permanenti tikkonsisti minn president u żewġ Prosekuturi Ewropej oħra, li huma l-membri permanenti tagħha.

Barra minn hekk, il-Prosekutur Ewropew li jissorvelja investigazzjoni jew prosekuzzjoni f'każ individwali jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Awla Permanenti f'dak il-każ individwali.

Kull Awla Permanenti tiddependi minn appoġġ legali u amministrattiv, sabiex tiżgura l-monitoraġġ xieraq u bir-reqqa ta' kull waħda mill-investigazzjonijiet

**Fl-2023, l-Awli Permanenti kellhom
481 laqgħa.**

NUMRU U TIP TA'DEĊIŻJONIJET TAL-AWLI PERMANENTI

REĠISTRAZZJONI U VERIFIKA

Deċiżjonijiet li jagħtu struzzjonijiet lill-EDP biex jeżerċita l-kompetenza tal-UPPE	Każijiet ta' evokazzjoni	14
	Każijiet ta' bidu	37
Deċiżjonijiet biex terġa' tinfetaħ investigazzjoni		1

INVESTIGAZZJONIJET

Istruzzjonijiet lill-EDPs		39
Deċiżjonijiet dwar ir-rieżami ta' miżuri ta' għajjnuna		0
Deċiżjonijiet biex jiġu amalgamati l-każijiet li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed		7
Deċiżjonijiet biex ma jibqgħux amalgamati l-każijiet li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed		4
Deċiżjonijiet biex issir riallokazzjoni lil EDP ieħor	Fl-istess Stat Membru	11
	Fi Stat Membru ieħor	4
Talbiet approvati għal miżuri ta' investigazzjoni li jiswew ammont eċċezzjonalment għoli ta' flus		2

KONKLUŻJONI TAL-KAŻIJET

NUMRU TA' DEĊIŻJONIJET TA' TERMINAZZJONI


Deċiżjonijiet biex il-prosekuzzjoni ssir quddiem qorti nazzjonali	135 ⁷⁵	
Deċiżjonijiet biex tiġi applikata proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni	51 ⁷⁶	
Deċiżjonijiet biex kawża tiġi miċħuda	206 ⁷⁷	
Deċiżjonijiet biex kawża tiġi rreferuta	Skont l-Artikolu 34(1) ⁷⁸ tar-Regolament dwar l-UPPE	67 ⁷⁹
	Skont l-Artikolu 34(2) ⁸⁰ tar-Regolament dwar l-UPPE	4
	Skont l-Artikolu 34(3) ⁸¹ tar-Regolament dwar l-UPPE	89
In-numru ta' każijiet fejn l-awtorità nazzjonali ma aċċettatx il-każ (l-Artikolu 34 (5) tar-Regolament dwar l-UPPE)	2	

PROĊEDIMENTI TAL-QORTI

Deċiżjonijiet biex jiġi ppreżentat jew jinżamm l-appell	7
Deċiżjonijiet biex ma jiġix ippreżentat appell	27
Deċiżjonijiet biex jiġi rtirat l-appell	4

KWISTJONIJET ORGANIZZAZZJONALI

Deċiżjonijiet fuq it-talba tal-Prosekutur(i) Ewropew/Ewropej biex l-investigazzjoni titwettaq personalment	3
Deċiżjonijiet biex issir riallokazzjoni lil EDP ieħor fl-istess Stat Membru f'każ ta' kunflitt ta' interess	2
Numru ta' każijiet riallokati lil Awla Permanenti oħra	136





**ATTIVITÀ
TAL-PROSEKUTURI
DELEGATI EWROPEJ**



Attività tal-Prosekturi Delegati Ewropej


Il-Prosekturi Delegati Ewropej jiffurmaw l-ewwel linja tal-UPPE, u jaħdmu fuq il-livell deċentralizzat fi 22 Stat Membru differenti tal-UE.

Hija r-responsabbiltà ewlenija tagħhom li jinvestigaw, iħarrku u jressqu għall-ġudizzju reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE – inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet f'waqthom u legalment korretti, li jissodisfaw l-obbligu ta' rapportar lill-Awli Permanenti u li jikkooperaw ma' Prosekturi Delegati Ewropej oħra f'każijiet transfruntiera. Barra minn hekk, huma responsabbli għall-istabbiliment ta' kuntatti u kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, mal-aġenziji ta' kontroll u ma' sħab rilevanti oħra, u għall-promozzjoni u l-introduzzjoni tal-ħidma tal-UPPE fil-livell nazzjonali.

L-uffiċċji tal-Prosekturi Delegati Ewropej jinsabu fi 42 belt fit-22 Stat Membru parteċipanti.

Bħala regola, il-Prosekturi Delegati Ewropej għandhom ġurisdizzjoni fit-territorju kollu tal-Istat Membru rispettiv tagħhom. Għalkemm iwettqu investigazzjonijiet skont ir-regoli nazzjonali tal-proċedura kriminali, huma joperaw b'indipendenza sħiħa mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.


Fil-31 ta' Diċembru 2023, kien hemm **140 Prosektur Delegat Ewropew** f'impjeg attiv. Matul il-perjodu ta' rapportar, inħatru 35 Prosektur Delegat Ewropew, tlieta rriżenjaw u ħamsa oħra ngħataw is-sensja mill-Kulleġġ sabiex jirtiraw jew jieħdu karigi ġodda – inklużi tnejn, mal-ħatriet rispettivi tagħhom għall-kariga ta' Prosektur Ewropew.



L-ASSOĊJAZZJONI TAL-PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ

Sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni aħjar bejn l-Uffiċċju Ċentrali u l-livell deċentralizzat tal-UPPE fl-Istati Membri parteċipanti, f'Diċembru 2022 ġiet iffurmata l-Assoċjazzjoni tal-Prosekturi Delegati Ewropej.

Fl-2023, l-assoċjazzjoni ġiet irreġistrata formalment. Matul is-sena, kellha laqgħat regolari mal-Kap Prosektur Ewropew u mal-Viċi Kapijiet Prosekturi Ewropej, laqgħa waħda mal-Kulleġġ tal-UPPE u kellha kuntatt frekwenti mal-unità tal-HR. Eleġġiet ukoll bord ġdid, wara l-konklużjoni tal-mandat tal-bord proviżorju stabbilit mal-istabbiliment tal-assoċjazzjoni. Barra minn hekk, inħolqu żewġ kummissjonijiet permanenti – waħda ddedikata għall-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-oħra, għall-affarijiet legali – bil-għan li jiġu pprovduti proposti motivati li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-koeżjoni ġenerali tal-UPPE.



Numru ta' Prosekuturi Delegati Ewropej (Attivi)

TAĦRIĠ U WORKSHOPS

Fl-2023, l-UPPE kompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ l-iżvilupp professjonali u l-ispirtu ta' appartenenza tal-Prosekuturi Delegati Ewropej li jaħdmu fi 22 Stat Membru differenti.

Ġew organizzati ħames workshops fl-Uffiċċju Ċentrali dwar suġġetti differenti:


Investigazzjonijiet li jinvolve l-personal tal-UE u uffiċjali eletti tal-UE protetti permezz ta' immunitajiet u privileġġi;

Kooperazzjoni mal-Awli Permanenti;

Frodi tad-dħul mhux mill-VAT u r-rwol tal-UPPE fl-investigazzjoni ta' frodi doganali u tipoloġiji oħra ta' reati kriminali assoċjati;

Irkupru tal-assi, b'perspettiva dovuta kontra l-ħasil tal-flus;

"Forum tal-EDP Kollha".



Dan l-avveniment tal-aħħar, li sar f'Diċembru, għabar lill-Prosekuturi Delegati Ewropej attivi kollha għal ħarsa ġenerali tal-kisbiet matul is-sena, u diskussjoni dwar l-isfidi u l-pjanijiet futuri għall-2024. Il-workshops kollha ffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni f'każijiet transfruntiera, abbażi tal-mekkaniżmu kumpless tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE.

Minbarra l-workshops, ġew organizzati, ikkoordinati u mogħtija 15-il kors ta' taħriġ professjonali mill-konsorzju tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (ERA-EJTN), li inkludew is-suġġetti li ġejjin:

L-ammissibiltà tal-evidenza miġbura fil-każijiet tal-UPPE;

Finanzjament tal-UE;

Kontabilità forensika;

Investigazzjonijiet finanzjarji;

L-UPPE u l-pajjiżi mhux tal-UE;

It-terminoloġija legali bl-Ingliż;

Għodod analitiċi.




**APPOĠĠ
LILL-OPERAT
U LILL-KULLEĠĠ**



Appoġġ lill-Operat u lill-Kulleġġ

L-unità tal-Appoġġ lill-Operat u lill-Kulleġġ tipprovdi firxa ta' servizzi legali, investigattivi u amministrattivi li jsostnu l-attività operazzjonali tal-UPPE, filwaqt li tirfed fuq il-kariga speċifika tiegħu li jipprovdi valur miżjud distint għall-investigazzjonijiet.

L-oqsma ta' attività ewlenin tal-unità huma: l-appoġġ għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Ċentrali fi kwistjonijiet operazzjonali; l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar reati potenzjali li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UPPE; l-għoti ta' għarfien espert investigattiv għal każijiet li għadhom għaddejjin; u l-iżvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-attività operazzjonali. FI-2023, l-unità għaddiet minn proċess ta' riorganizzazzjoni biex tallinja l-istruttura tagħha mal-prijoritajiet strateġiċi ġenerali tal-UPPE, sabiex tiżgura fokus u allokkazzjoni xierqa tar-riżorsi għall-oqsma ta' attività rilevanti.





REĠISTRU U PARTIJET IKKONĊERNATI OPERAZZJONALI

Is-settur tar-Reġistru u tal-Partijiet Ikkonċernati Operazzjonali huwa responsabbli mill-ipproċessar tal-informazzjoni kollha rrapportata lill-UPPE skont l-Artikolu 24 tar-Regolament dwar l-UPPE, l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-partijiet privati u l-koordinazzjoni, fil-livell operazzjonali, tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-UPPE, inkluż il-mekkaniżmu “hit/no-hit”.

Fl-2023, ipproċessa **1 562 rapport dwar il-kriminalità mill-awtoritajiet nazzjonali** u **108 rapporti dwar il-kriminalità minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE (IBOAs)**. Is-sorsi tar-rapporti jinkludu l-Istati Membri parteċipanti kollha u ħames IBOAs⁸².

L-Uffiċċju Ċentrali pproċessa wkoll **2 194 rapport minn partijiet privati**, li minnhom 1 770 ġew ivvalutati bħala manifestament barra mill-kompetenza tal-UPPE. Ġew sottomessi madwar 300 rapport ieħor lill-uffiċċji deċentralizzati fl-Istati Membri, u ġew ivvalutati wkoll bħala manifestament barra mill-kompetenza tal-UPPE. L-oġġla numru ta' rapporti mibgħuta minn partijiet privati fi Stati Membri parteċipanti lill-Uffiċċju Ċentrali

oriġina mill-Kroazja (433), il-Belġju (221), il-Ġermanja (199), il-Bulgarija (179) u r-Rumanija (156), filwaqt li 132 rapport oriġinaw minn Stati Membri mhux parteċipanti u 279 minn pajjiżi mhux tal-UE⁸³.

Ir-rapportar ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jsir permezz ta' konnessjoni diretta u sigura – EPPOBox – ġestita mill-UPPE, filwaqt li l-partijiet privati għandhom aċċess għal għodda ta' rapportar fuq is-sit web tal-UPPE. L-UPPE huwa wkoll utent tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), ġestita mill-Europol.

Fl-2023, twestaq proġett pilota li jagħti aċċess għal xi wħud mill-**għodod diġitali** tal-UPPE lill-Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (NEDPAs), u b'hekk ġie ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni, u żdiedet il-kwalità tad-*data* disponibbli fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-UPPE. Dan il-proġett kien ta' suċċess, b'riżultati preliminari inkoraġġanti ħafna – għalhekk ittieġdet deċiżjoni li jiġi estiż, fl-2024, għal numru akbar ta' NEDPAs.



APPOĠĠ LEGALI OPERAZZJONALI

Is-settur tal-Appoġġ Legali Operazzjonali huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ legali operazzjonali lill-Uffiċċju Ċentrali – jiġifieri l-Kap Prosekutur Ewropej, l-Awli Permanenti, u l-Prosekuturi Ewropej. Dan ix-xogħol jinkludi analiżi u pariri legali relatati mal-każijiet, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri operazzjonali, il-monitoraġġ tal-konsistenza tal-prattika interna, u l-iffaċilitar tal-interazzjonijiet fi ħdan l-Uffiċċju Ċentrali, kif ukoll mal-Prosekuturi Delegati Ewropej.

Fl-2023, dan is-settur appoġġa lill-Awli Permanenti fil-monitoraġġ u fit-tmexxija ta' **1 927 investigazzjoni attiva** u organizza **481 laqgħa tal-Awli Permanenti**. Tim dedikat ta' esperti tas-

sistemi legali nazzjonali pprovda appoġġ immirat lill-Prosekuturi Ewropej, aġixxa bħala **punti ta' kuntatt** għall-Prosekuturi Delegati Ewropej u pprovda pariri legali dwar kwistjonijiet relatati mal-liġi nazzjonali.

Dan is-settur ikkontribwixxa wkoll għall-**iskambju ta' informazzjoni** mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, biex jiġi żgurat li jkun jistgħu jittieġdu l-miżuri xierqa. Barra minn hekk, dan is-settur ipprovda servizzi legali u operazzjonali ewlenin, inklużi l-ħolqien u t-tmexxija ta' bażi tad-*data* tal-każistika tal-UPPE, iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni regolari dwar żviluppi ġodda fil-każistika u l-letteratura legali, kif ukoll il-ġestjoni ta' bażijiet tad-*data* tar-riċerka legali.



APPOĠĠ LILL-INVESTIGAZZJONIJIET U L-ANALIŻI

Is-settur ta' Apport lill-Investigazzjonijiet u l-Analiżi jipprovdni apport investigattiv u analitiku espert lill-investigazzjonijiet, permezz ta' analisti tal-każijiet u investigaturi finanzjarji li joperaw bħala Uffiċjali ta' Apport għall-Każijiet, fi struttura li tikkorrispondi għat-tipi l-aktar prevalenti ta' frodi.

L-istabbiliment ta' timijiet speċjalizzati ddedikati li għandhom fil-mira l-aktar tipi prominenti ta' frodi (frodi tal-VAT, frodi doganali u frodi relatata ma' nefqa u korruzzjoni) ippermetta lil dan is-settur li jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet tiegħu u jirfina l-apport tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet fejn jista' jinkiseb valur miżjud sinifikanti permezz tal-attivitajiet ta' apport imwettqa fil-livell tal-Uffiċċju Ċentrali. B'mod partikolari, dawn l-isforzi kkontribwew biex jiġu żviluppatti aktar il-**metodoloġiji innovattivi** għall-identifikazzjoni ta' rabtiet bejn l-investigazzjonijiet

imwettqa fi Stati Membri differenti, u b'hekk għenu biex **jiġu kkoordinati** diversi atturi operazzjonali involuti, u fl-aħħar mill-aħħar, biex jiġu investigati l-każijiet b'mod aktar effettiv.

Barra minn hekk, dan is-settur beda jiddokumenta **l-aħjar prattiki** għal approċċi investigattivi fir-rigward ta' kull qasam rilevanti ta' reati, u jidentifika mudelli u xejriet rilevanti.

Minbarra dan, is-settur irrekluta b'suċċess **għarfien espert ġdid**, iffaċilita l-aċċess estiż għal bażijiet tad-*data* operazzjonali, implimenta għodod ġodda biex jappoġġa azzjonijiet in situ, u b'mod ġenerali wessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-apport għall-investigazzjonijiet tal-UPPE. Beda wkoll jippermetti jew jipprovdni apport iffukat f'oqsma speċjalizzati ħafna, inkluża l-analiżi forensika.



SERVIZZI TA' APPOĠĠ OPERAZZJONALI

Is-settur tas-Servizzi ta' Apport Operazzjonali huwa responsabbli mill-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE, u jipparteċipa fil-proġetti kollha li għandhom l-għan li jiżviluppaw l-għodod u l-ambjenti investigattivi diġitali meħtieġa biex tissaħħaħ l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tiegħu.

Dan is-settur jimmaniġġja wkoll is-servizzi lingwistiċi speċifiċi għax-xogħol ta' korp ta' prosekuzzjoni supranazzjonali, jikkoordina l-organizzazzjoni ta' laqgħat operazzjonali u jiġġestixxi l-induzzjonijiet u t-taħriġ għall-persunal operazzjonali. Kien hemm 25 laqgħa operazzjonali organizzata fl-2023, kif ukoll il-workshops diskussi fit-Taqsima 5.



L-IPPROĊESSAR TA' INFORMAZZJONI RRAPPURTATA

AWTORITAJIET NAZZJONALI U IBOAS

Fl-2023, l-UPPE pproċessa **1 562 rapport dwar il-kriminalità minn awtoritajiet nazzjonali** u **108 rapporti dwar il-kriminalità minn IBOAs**. Is-sorsi tar-rapporti jinkludu t-22 Stat Membru parteċipanti kollha u ħames IBOAs.

Ir-rapportar ta' informazzjoni jsir permezz ta' **EPPOBox**, u SIENA, għal komunikazzjoni sigura mal-Europol.

L-UPPE kompli jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-iżvilupp tan-network ta' rapportar u fil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti skont

l-Artikolu 117 tar-Regolament dwar l-UPPE. Sa tmiem l-2023, in-network ta' rapportar tal-UPPE kien estenda għal **699 utent tal-EPPOBox** – li huwa 161 aktar mis-sena l-oħra. Dan jinkludi 16 mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri konnessi direttament mal-Uffiċċju Ċentrali fil-Lussemburgu. Issa teżisti konnessjoni diretta mas-sħab ewlenin tal-UPPE fil-livell tal-UE mal-Europol, mal-Eurojust, mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mal-Bank Ewropew tal-Investment, mal-Bank Ċentrali Ewropew, mal-Frontex u mal-Eurofisc.

PARTIJET PRIVATI U ENTITAJIET LEGALI

Il-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE rċewew total ta' **2 744 sottomissjoni minn partijiet privati u entitajiet legali** fl-2023. Dan jirrappreżenta medja ta' 52 fil-ġimgħa.

Minn dawn, **250 (9 %)** kienu **rapporti ripetitivi u mistoqsijiet** mill-pubbliku riċevuti mill-Uffiċċju Ċentrali, prinċipalment dwar l-istatus ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti, li ġew ipproċessati flimkien mal-Prosekutur Ewropew korrispondenti u l-Prosekuturi Delegati Ewropej inkarigati.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE rċieva **132 rapport** mill-**ħames Stati Membri tal-UE mhux parteċipanti kollha** – id-Danimarka (5), l-Ungerija (58), l-Irlanda (7), il-Polonja (53), l-Iżvezja (9) – u **279 rapport** minn **pajjiżi mhux tal-UE**, inkluż l-Armenja (7), il-Bożnija-Ħerzegovina (7), ir-Russja (8), is-Serbja (7), l-Iżvizzera (17), it-Turkija (7), ir-Renju Unit (16), l-Ukrajna (7) u l-Istati Uniti tal-Amerka (132).

Mill-2 744 sottomissjoni riċevuti minn partijiet privati u entitajiet legali, **424 (15 %) kienu relatati mal-kompetenza tal-UPPE**. Kull wieħed minn dawn ir-rapporti ġie vverifikat bħala każ ta' reġistrazzjoni ġdid, jew ġie pproċessat mill-Prosekutur Delegat Ewropew taħt każ ta' reġistrazzjoni jew investigattiv eżistenti tal-UPPE.

2 070 (75 %) rapport minn partijiet privati u entitajiet legali ġew ivvalutati bħala manifestament barra mill-kompetenza tal-UPPE. L-UPPE **rrefera 380 (14 %) rapport** lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta r-rapporti ma kinux relatati mal-mandat tal-UPPE iżda **jistgħu jikkostitwixxu reat** taħt il-kompetenza tagħhom. Hu **rrefera 58 (2.1 %) rapport** minn partijiet privati lill-OLAF għall-ipproċessar tagħhom.





**SERVIZZI TAL-IT,
TAS-SIGURTA' U
DAWK KORPORATTIVI**



Servizzi tal-IT, tas-Sigurtà u dawk Korporattivi

Fl-2023, l-unità tas-Servizzi tal-IT, tas-Sigurtà u dawk Korporattivi tal-UPPE kompliet bl-implimentazzjoni taż-żewġ programmi ewlenin tagħha li diġà għaddejnin: il-**Programm ta' Awtonomija tal-IT**, biex toffri katalogu sħiħ ta' servizzi amministrattivi tal-IT ġestiti b'mod sħiħ internament, u l-**Programm tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS)**, biex tkompli tiżviluppa d-diġitalizzazzjoni tal-organizzazzjoni fil-qasam tan-negozju ewleni tagħha.

PROGRAMM TA' AWTONOMIJA TAL-IT

Fl-2023, l-UPPE kompli jħejji għal tranżizzjoni gradwali minn post tax-xogħol diġitali pprovdut mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni Ewropea għal soluzzjoni li hija l-proprjetà tal-UPPE u mħaddma minnu. Ir-riżorsi meħtieġa biex tiġi implimentata din il-bidla importanti u meħtieġa ġew inklużi fit-talba baġitarja tal-UPPE għall-2024.



PROGRAMM TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI TAL-KAŻIJET (CMS)

L-**objettiv tal-Programm tas-CMS** matul is-sena 2023 kien li jkompli **jiżviluppa l-għodod diġitali tal-UPPE** biex jappoġġa b'mod effettiv u effiċjenti l-operazzjonijiet ta' prosekuzzjoni, b'fokus partikolari fuq it-tisħiħ u l-maturazzjoni tar-reżiljenza, id-disponibbiltà u l-adattabbiltà tal-komponenti tiegħu għall-ħtiġijiet tan-negozju tal-organizzazzjoni li qed jinbidlu.

Fl-ewwel kwart tas-sena, il-Kulleġġ ta' prijorità lill-ħtieġa urġenti għal għodod analitiċi addizzjonali li jippermettu ħidma effiċjenti ta' investigazzjoni f'każijiet ewlenin tal-UPPE. Ġew skjerati u inkorporati kapaċitajiet ġodda fil-proċessi analitiċi, biex jappoġġaw każijiet li għadhom għaddejnin. Filwaqt li l-ewwel sett ta' għodod jibqa' limitat, dan ippermetta t-titjib tal-għarfien intern, u l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali tal-ħtiġijiet tan-negozju għall-forensika diġitali u s-sistemi analitiċi fit-tul.

Id-diversi proġetti relatati mal-interoperabbiltà mal-Istati Membri tal-UE u mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, inizjalment immirati biex iwettqu implimentazzjonijiet pilota, ma setgħux jiġu skjerati kif kien mistenni, minħabba nuqqas ta' baġit u riżorsi.

Appoġġ aktar effiċjenti għall-operazzjonijiet ta' prosekuzzjoni ġie żviluppat permezz ta' proġett pilota, li għandu jiġi estiż fl-2024, biex jgħaqqad lill-Assistenti tal-Prosekuturi Delegati Nazzjonali Ewropej (NEDPAs) mas-CMS tal-UPPE. Dan bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż fuq il-Prosekuturi Delegati Ewropej ta' kompiti amministrattivi, u li tinħoloq il-bażi għal aktar preċiżjoni fid-*data* tal-każijiet bejn is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet u s-CMS tal-UPPE.

Ġew introdotti għodod ta' appoġġ oħrajn għall-kollaborazzjoni dwar il-fajls tal-każijiet u d-*data* dwar il-każijiet, jew ġew żviluppati karatteristiċi ġodda, u integrati ma' traduzzjoni awtomatika, jew komponenti tal-firma diġitali.

Minn perspettiva teknoloġika, il-pjattaforma sottostanti ewlenija tas-CMS kellha aġġornament kbir tas-software, u kontrolli tas-sigurtà addizzjonali jiġu implimentati fuq bażi kontinwa biex jinżamm livell għoli ta' sigurtà tas-sistemi u tad-*data*.

SIGURTÀ

Fl-2023, l-UPPE ffoka fuq it-tiŝiħ tal-governanza tas-sigurtà tiegħu. Fir-rigward tas-**sigurtà tas-sistemi diġitali** użati għall-immaniġġjar ta' *data* operazzjonali u amministrattiva, l-UPPE ħejja qafas li jinkludi proċessi, rwoli u responsabbiltajiet u politiki ġodda li jiddokumentaw il-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa.

Barra minn hekk, twettqu diversi valutazzjonijiet tar-riskju biex jiġi vvalutat il-qafas tas-sigurtà tas-sistemi diġitali użati mill-UPPE għall-ġestjoni ta' *data* amministrattiva. Huma appoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u ta' governanza addizzjonali biex jissaħħaħ l-ambjent tas-sigurtà tal-UPPE.

Minn perspettiva ta' **ċibersigurtà**, twettaq "eżerċizzju tat-tim l-aħmar" bl-appoġ tas-CERT-UE – l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE – bl-għan li jiġu ttestjati l-proċessi ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà. Dan l-eżerċizzju ppermetta lill-UPPE li jidentifika oqsma ta' titjib, jaġġorna l-proċessi eżistenti u jżomm is-sensibilizzazzjoni tal-utenti.

Bl-istess mod, minn perspettiva ta' **sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà**, fl-2023 twettqu sessjonijiet multipli ta' informazzjoni u ta' ċibersigurtà għall-persunal tal-UPPE biex tiġi żgurata l-viġilanza għall-aħħar theddid li jista' jkollu impatt fuq l-informazzjoni jew is-sistemi tal-UPPE.



Rigward il-**koordinazzjoni tas-sigurtà** u l-ħidma biex jintlaħqu n-nies, fl-2023 l-UPPE lesta l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt għas-sigurtà fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Dan għandu l-għan li jiffaċilita kooperazzjoni msaħħa dwar kwistjonijiet ta' sigurtà, fir-rigward tal-persunal u l-uffiċċji tal-UPPE li jinsabu f'dawk l-Istati Membri.

L-UPPE kompli jipparteċipa wkoll fis-**Sottogrupp ta' Ċibersigurtà** tal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Trasformazzjoni Diġitali (ICDT), u jħejji l-istat tat-tnejjija tiegħu għar-Regolament il-ġdid tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà 2023/2841, li ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE fi tmiem il-perjodu ta' rapportar.

Fil-kuntest tas-**sigurtà fiżika u tal-persunal**, l-UPPE, f'kooperazzjoni mal-istat ospitanti tal-Uffiċċju Ċentrali, il-Lussemburgu, wettaq diversi aġġornamenti biex itejjeb is-sigurtà u s-sikurezza tal-bini tiegħu, b'oħrajn simili mistennija fl-2024. Dan ġie kkomplementat b'taħriġ speċjalizzat għall-persunal tal-UPPE, biex tiżdied it-tnejjija għal rispons f'sitwazzjonijiet urġenti.

SERVIZZI KORPORATTIVI


Sabiex jiġi żgurat it-tweqqig tal-missjoni tal-UPPE, fl-2023 twettqu diversi attivitajiet f'termini ta' Servizzi Korporattivi:



Ġiet skjerata kumpanija ġdida tal-ġestjoni tal-bini, f'kooperazzjoni mal-istat ospitanti, li tappoġġa t-tweqqig tal-attivitajiet tal-UPPE fl-Uffiċċju Ċentrali;



Wara x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni mwettqa mill-istat ospitanti, l-UPPE beda jikkupa żewġ sulari addizzjonali fil-bini attwali tiegħu, li kienu mgħammra b'għamara ġdida, b'tagħmir tal-IT u b'faċilitajiet oħra;




Sabiex jiġu indirizzati aktar il-ħtiġijiet tan-negozju u tas-sigurtà għall-bini tiegħu, fl-2023 l-UPPE u l-istat ospitanti bdew proġett imsejjaħ "Phase IV", li jinkludi r-rinnovazzjoni tas-sulari li fadal, kif ukoll it-titjib tal-miżuri ta' sigurtà fl-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE;



L-UPPE ffirmat ftehim ġdid dwar il-Livell ta' Servizz mal-Parlament Ewropew għas-servizzi ta' xarabank shuttle bejn il-Lussemburgu u Brussell;




It-twassil kontinwu ta' servizzi ta' kuljum relatati mal-ġestjoni tal-bini, il-ġestjoni tal-uffiċċju, il-ġestjoni tal-korrispondenza, is-servizzi ta' tindif u ta' forniment tal-ikel kompli wkoll matul is-sena, u dan ippermetta lill-UPPE li jwettaq l-attivitajiet operazzjonali tiegħu u jissodisfa l-mandat tiegħu.





**RIŻORSI
UMANI U
ŻVILUPP TAL-PERSUNAL**



Riżorsi umani u żvilupp tal-persunal

L-ISKJERAMENT TAL-ISTRATEĠIJA

L-iżvilupp tal-Funzjoni/tal-Qafas tal-HR biex titrawwem l-attraenza bħala impjegatur

1

Wara l-2022, li matulha in-numru ta' membri tal-persunal fl-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE kważi rdooppja, l-2023 kienet tikkostitwixxi sena ta' stabbilizzazzjoni organizzazzjonali u aktar maturità. Dan il-kuntest ipprova l-opportunità biex jissaħħu l-pedamenti tal-qafas ta' ġestjoni tal-kapital uman tal-UPPE, filwaqt li l-fokus tiegħu ċċaqlaq mir-reklutaġġ u t-tkabbir organizzazzjonali għal pjan strateġiku li jħares 'il quddiem.

Il-pjan direzzjonali futur tal-HR ġie definit madwar il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin:

- ▶ Il-ġestjoni tal-prestazzjoni;
- ▶ Il-ġestjoni tat-Talent;
- ▶ L-iżvilupp tal-karriera;
- ▶ Il-konformità u t-titjib tal-proċess tal-HR, inkluż il-bidu tad-definizzjoni tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-UPPE.

Konsolidazzjoni tal-qafas ta' konformità tal-HR

2

L-UPPE kompla jsaħħaħ il-qafas ta' konformità tiegħu, billi adotta u implimenta l-obbligi statutorji kif stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u fir-Regoli Ġenerali ta' Implimentazzjoni assoċjati, pereżempju, fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ibridi. Total ta' 61 Regola ta' Implimentazzjoni kienu ġew adottati sa tmiem l-2023.

Saru wkoll sforzi fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' drittijiet, obbligi, kuntratti ta' impjeg, u l-ġestjoni tal-ilmenti u tal-appelli skont l-Artikolu 90. Ġiet stabbilita funzjoni msaħħa ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-servizz tal-HR, permezz tal-iżvilupp u t-titjib ta' tabelli operattivi ewlenin iddedikati tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-HR.

F'konformità mal-**Programm ta' Ħidma Annwali tal-UPPE għall-2023**, l-UPPE introduċa **tbassir, ippjanar u rieżami sistematiċi** tal-ħtiġijiet tar-**Riżorsi Umani** tiegħu, u dan wassal għat-tiħiħ tal-forza tax-xogħol tiegħu u għall-ippjanar strateġiku bħala parti mill-eżerċizzji uniċi ta' programmazzjoni u bbaġitjar.

TAL-HR TAL-2023 KIEN JINKLUDI:

L-ingaġġ u ż-żamma tal-aqwa talent fl-Uffiċċju Ċentrali

3

L-UPPE saħħaħ il-kapaċità tiegħu li jikkonkludi proċeduri ta' reklutaġġ f'waqthom u trasparenti, f'konformità mat-tabella tal-persunal tiegħu. Fl-2023 wettaq 24 proċedura tal-għażla, ġew reklutati 45 membru tal-persunal statutorju, u ssieħbu 8 Prosekuturi Ewropej ġodda fil-Kulleġġ tal-UPPE.

L-eżerċizzju ta' ġestjoni tal-prestazzjoni (l-istabbiliment tal-obiettivi u l-evalwazzjoni ta' 105 membri tal-persunal, u ta' 91 valutazzjoni tal-perjodu ta' prova) u l-proċedura ta' riklassifikazzjoni (26 membru tal-persunal riklassifikati) ġew konklużi b'mod effiċjenti.

Tnieda programm ta' traineeship għall-ewwel darba fl-2023, li wassal għall-iskjerament ta' trainees tal-UPPE fis-Servizz Legali (żewġ trainees kull semestru, għal total ta' erba' trainees matul is-sena).

Ġiet irreġistrata rata ġenerali ta' okkupazzjoni ta' 90.63 %, u rata ta' dawran ta' 5.9 % għall-aġenti temporanji u kuntrattwali.

Estensjoni tal-forniment tas-servizzi tal-HR lill-uffiċċji deċentralizzati

4


Matul is-sena, ġie pprovdut appoġġ akbar mill-HR lill-Prosekuturi Delegati Ewropej, u lill-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom.

Ġiet stabbilita funzjoni ddedikata ta' appoġġ għan-negozju tal-HR, li tfittex li tagħti spinta lill-kwalità tas-servizzi pprovduti mill-HR fil-livelli ċentrali u deċentralizzati.

B'mod ġenerali, matul l-2023 ġew maħtura 35 Prosekutur Delegat Ewropew ġdid.


METRIĊI DWAR L-OKKUPAZZJONI

(INKLUŻI 8 KARIGI MIFTUĦA BIEX JIMTLEW SA TMIEM IS-SENA):



DIVERSITÀ TAL-PERSUNAL

PERSUNAL STATUTORJU (UFFIČĠJU ĊENTRALI) SKONT IL-ĠENERU U N-NAZZJONALITÀ



TAGĦLIM U ŻVILUPP

Il-perjodu ta' rapportar ra **t-tnedija tal-istrateġija ta' Tagħlim u Żvilupp tal-UPPE**, biex tiġi promossa kultura ta' **tagħlim kontinwu** u tiġi ffaċilitata pjattaforma għall-**valutazzjoni kontinwa** tal-ħtiġijiet li dejjem jevolvu ta' tagħlim tal-persunal u l-adattament għalihom. It-**taħriġ** fl-oqasma tas-sikurezza u s-sigurtà, il-kodiċi ta' mgħiba amministrattiva tajba tal-UPPE, il-miżuri kontra l-frodi, il-prinċipji tal-etika u tal-integrità u l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, fost suġġetti oħra, kompli matul is-sena. Ġew organizzati wkoll programmi ta' taħriġ speċifiku, inkluż taħriġ fil-midja għall-Prosekuturi Ewropej, taħriġ "Press and Impress" għall-Prosekuturi Delegati Ewropej, u taħriġ fil-Protokoll u fid-Diplomazija għall-persunal.

Abbażi tal-analiżi tal-**objettivi tal-iżvilupp individwali** u tad-**domandi operazzjonali** identifikati, twettqet ukoll analiżi pilota tal-ħtiġijiet tat-tagħlim. B'mod parallel, u bħala parti minn programm usa' futur ta' żvilupp ta' tmexxija, ġie ppilotat programm ta' kkwċjar ta' "**mexxejja individwali**".

Fl-2023, is-servizz ta' Tagħlim u Żvilupp irreġistra total ta' espressjonijiet ta' interess għall-korsijiet ta' taħriġ b'rabta ma' **1 756 programm**, li minnhom, total ta' **1 058 tlestew b'mod effettiv**, li jirrappreżentaw il-koordinazzjoni ta' **9 132 siegħa**, jew **1 143 jum ta' taħriġ** (għal korsijiet interni u esterni).

KUMITAT TAL-PERSUNAL



L-2023 kienet l-**ewwel sena sħiħa** tal-operazzjonijiet tal-**Kumitat tal-Persunal**, li kienet tinkludi azzjonijiet bħall-adozzjoni finali tar-Regoli Interni ta' Proċedura tiegħu, it-tnedija tal-ewwel Jum għall-Pubbliku tal-Kumitat tal-Persunal, l-ewwel laqgħa formali tiegħu mal-Kap Prosekutur Ewropew, u t-tnedija tal-ewwel Stħarriġ tal-Persunal tal-UPPE kollu kemm hu, bil-għan li l-prijoritajiet tal-persunal jiġu indirizzati aħjar.


Matul is-sena, il-Kumitat tal-Persunal innomina persunal biex jipparteċipa f'24 proċedura tal-għażla, aderixxa l-istatus ta' monitoraġġ mal-Assemblea tal-Kumitat tal-Persunal tal-Aġenziji (AACS), wettaq u ffinalizza r-reviżjoni retroattiva tad-Dispożizzjonijiet

Ġenerali ta' Implimentazzjoni kollha adottati mill-UPPE qabel l-istabbiliment tal-Kumitat tal-Persunal, ipprova input dwar ir-riorganizzazzjoni interna, u pparteċipa b'mod attiv f'diversi suġġetti organizzazzjonali.

Filwaqt li rrappreżenta l-interessi, id-drittijiet u l-obbligi tal-persunal tal-UPPE, il-Kumitat tal-Persunal ipprova input dwar il-ħin tax-xogħol u d-dispożizzjonijiet ibridi tax-xogħol, il-ħatriet tal-persunal, ir-regoli ta' implimentazzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Hu pprova wkoll sessjonijiet ta' informazzjoni għall-persunal dwar suġġetti speċifiċi ta' interess ġenerali.




**RIŻORSI
FINANZJARJI U
L-ĠESTJONI TAGĦHOM**



Riżorsi finanzjarji u l-ġestjoni tagħhom

Il-baġit tal-UPPE hu ffinanzjat kollu kemm hu mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-forma ta' sussidju. Fl-2023, **EUR 66 miljun** kienu bbaġitjati għat-tweġiq tal-missjoni tal-UPPE, meta mqabbla ma' **EUR 51.2 miljun** fl-2022 (+29%). L-ixprunaturi ewlenin f'din l-evoluzzjoni tal-baġit kienu **dinamika b'saħħha fil-kostijiet tal-persunal**, minħabba l-progress lejn l-okkupazzjoni sħiħa tal-karigi statutorji tal-persunal tal-Uffiċċju Ċentrali u l-karigi ta' Esperti Nazzjonali Sekondati. Ġie skjerat numru akbar ta' Prosekuturi Delegati Ewropej, meta mqabbla mal-2022, u tkomplew il-konsolidazzjoni u l-iżviluppi ulterjuri tal-ekosistema tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS). Sal-aħħar tas-sena, **99.6%** tal-baġit tal-2023 kien impenjat u tħallsu **85.3%**. **14.3%** tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-2023 ġew riportati għall-2024.



AKKWIST

Fl-2023 l-UPPE ffirmat 234 kuntratt speċifiku taħt kuntratti qafas eżistenti, għal total ta' aktar minn EUR 11-il miljun, b'żieda sinifikanti fl-użu tal-kuntratti qafas tal-UPPE (82 kuntratt speċifiku għal valur ta' aktar minn EUR 6.5 miljun). Dan huwa dovut, fil-parti l-kbira, għall-użu dejjem akbar tal-kuntratt qafas tal-UPPE għall-Forniment ta' Servizzi fil-Qasam tas-Sistemi ta' Informazzjoni.

AWDITJAR INTERN

Skont ir-regolamenti finanzjarji tal-UPPE, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) huwa l-awditur intern tal-UPPE għal kwistjonijiet mhux operazzjonali. Sabiex jikkomplementa l-ħidma mwettqa mill-IAS, il-Kulleġġ stabbilixxa Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC), imfassla biex tgħin lill-UPPE jilħaq l-oġġettivi tiegħu billi jgħib approċċ sistematiku u dixxiplinat biex jevalwa u jtejjeb l-effettività tal-governanza, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-proċessi ta' kontroll. F'konformità mal-karta tal-missjoni tiegħu u mal-Pjan Strateġiku tal-Awditjar Intern ibbażat fuq ir-riskju għall-2022-2024, l-IAS beda, fl-2023, rieżami limitat tal-elementi kostitwenti ta' assigurazzjoni tal-UPPE. Dan l-impenn huwa skedat li jiġi ffinalizzat matul l-2024. L-IAC komplet bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ l-ambjent ta' sorveljanza interna fl-UPPE.

KONTROLL INTERN

Fit-2 ta' Ġunju 2023, id-Direttur Amministrattiv, bħala parti mid-dmirijiet tiegħu bħala l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-UPPE, stabbilixxa formalment l-istandards minimi meħtieġa biex jipprovdi l-assigurazzjoni tiegħu dwar l-eżekuzzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni tal-baġit tal-UPPE għal kull wieħed mis-17-il prinċipju ta' kontroll intern stabbiliti mill-Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) tal-UPPE. L-Uffiċjal tal-Kontroll Intern għar l-evidenza rilevanti (eż. politiki, proċeduri u rekords) u wettaq eżami mill-ġdid dettaljat biex jiddetermina jekk il-kriterji ta' valutazzjoni humiex irrISPettati (valutazzjoni preliminari tal-implimentazzjoni tal-QKI fil-31/08/2023). Għad-devjazzjonijiet identifikati, l-Uffiċjal ta' Kontroll Intern ikkorrobora aktar mal-partijiet ikkonċernati kkonċernati, sabiex jidentifika l-kawżi ewlenin sottostanti, u ppropona rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-indirizzar tal-kwistjonijiet identifikati.

The image has a monochromatic blue color scheme. In the upper left, a microphone on a stand is visible, slightly out of focus. In the center-right, the numbers '19' are rendered in a large, 3D, blocky font. The text at the bottom is white and slanted upwards from left to right.

**TRASPARENZA
U RELAZZJONIJET
MAL-PUBBLIKU ĠENERALI
U L-ISTAMPA**



Trasparenza u relazzjonijiet mal-pubbliku ġenerali u l-istampa

Fl-2023, l-UPPE rċieva total ta' **11-il applikazzjoni inizjali** li ġew irreġistrati bħala **talbiet għal aċċess pubbliku**⁸⁴. L-UPPE wieġeb għal għaxra minnhom; għal talba waħda, it-tweġiba kienet għadha pendenti fi tmiem is-sena. Ma ġiet ippreżentata l-ebda applikazzjoni konfermatorja fl-2023.

Fit-tweġibiet tiegħu, l-UPPE ta aċċess sħiħ wara erbgħa mill-applikazzjonijiet. Taħt ir-regoli tal-UPPE ma seta' jingħata l-ebda aċċess lis-sitt każijiet li kien fadal. F'erba' każijiet, l-UPPE rrifjuta li jagħti aċċess għal dokumenti abbażi tar-raġuni li d-dritt għall-aċċess skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, u għalhekk ir-regoli applikabbli tal-UPPE, ma jestendix għal informazzjoni operazzjonali mill-fajls tal-każijiet. F'każ wieħed, l-aċċess ġie parzjalment irrifjutat għall-istess raġuni, u fl-aspetti l-oħra tiegħu minħabba li affettwa diversi interessi protetti skont ir-regoli tal-aċċess pubbliku tal-UPPE (il-privatezza u l-integrità tal-individwi, l-għan tal-investigazzjonijiet tal-UPPE, u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UPPE). F'każ wieħed, l-UPPE ċaħad l-aċċess sabiex jiproteġi l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.



Fl-2023, aktar minn **225 000 persuna** żaru s-sit web tal-UPPE, u sal-31 ta' Diċembru 2023, **394 dokument** kienu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit.

Is-sit web korporattiv

www.eppo.europa.eu

sar itlu trasformazzjoni biex titjeb l-esperjenza tal-utent tal-viżitaturi kollha, u biex il-pubbliku ġenerali, il-prattikanti tal-liġi, l-akkademiċi u l-membri tal-persunal ġodda potenzjali dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tal-UPPE. It-**traduzzjoni awtomatizzata fil-lingwi kollha tal-UE** issa hija disponibbli wkoll fis-sit web kollu. Inħoloq kontenut attraenti f'**taqsima ta' FAQ**, u taqsima dwar il-kooperazzjoni internazzjonali. Diversi **formoli ta' kuntatt** huma disponibbli fuq is-sit web biex jiġi rrapportat reat, jintalab aċċess pubbliku għad-dokumenti, issir mistoqsija dwar post vakanti, tiġi organizzata żjara ta' studju jew isir kuntatt mat-tim tal-istampa.

Is-suċċessi operazzjonali tal-UPPE qed jiżiedu b'aktar jiem ta' azzjoni, atti tal-akkużi u kundanni, li rriżultaw fil-pubblikazzjoni, fl-2023, ta' **184 aġġornament tal-aħbarijiet** fuq is-sit web. L-UPPE jibqa' attiv ħafna fil-kontijiet uffiċjali tiegħu fuq X (li qabel kien Twitter), LinkedIn u Facebook, b'**50 000 segwaċi** kombinati li qed jikbru b'mod kostanti.





**ATTIVITÀ
TAS-SERVIZZ
LEGALI**



Attività tas-Servizz Legali


Is-Servizz Legali għandu rwol orizzontali fi fhdan l-istruttura organizzazzjonali tal-UPPE, u jipprovdi pariri legali lill-Kulleġġ, lill-Kap Prosekutur Ewropew, lill-Prosekuturi Ewropej u lid-Direttur Amministrattiv dwar l-interpretazzjoni tal-qafas legali skont id-dritt tal-Unjoni li jirregola l-attivitajiet tal-UPPE.

Matul l-2023, is-Servizz Legali kompli jappoġġa lill-Kulleġġ fl-adozzjoni ta' regoli u linji gwida, u dwar kwistjonijiet operazzjonali, ta' governanza u amministrattivi. Dan l-appoġġ ħa l-forma ta' pariri legali dwar aspetti ewlenin relatati mal-operat u l-funzjonament tal-UPPE. Dan il-pariri ingħata kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, fil-forma ta' opinjonijiet.

Is-Servizz Legali pprovda wkoll **għarfien espert rilevanti għan-negozjar u l-konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma ma' awtoritajiet minn pajjiżi mhux tal-UE, Stati Membri u IBOAs.**

Fuq talba, is-Servizz Legali ta pariri legali speċifiku dwar kwistjonijiet operazzjonali lill-membri tal-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE, inkluż, iżda mhux limitat għal, dwar l-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UPPE f'investigazzjonijiet speċifiċi, dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-UPPE u l-awtoritajiet minn pajjiżi mhux tal-UE u Stati Membri mhux parteċipanti, kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE.

Fl-2023, il-membri tas-Servizz Legali aġixxew bħala aġenti f'isem l-UPPE fil-Kawżi C-281/22⁸⁵ u C-292/2023⁸⁶, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u fil-Kawżi T-442/22⁸⁷, T-676/22⁸⁸, T-46/23⁸⁹, T-103/23⁹⁰, T-385/23⁹¹, quddiem il-Qorti Ġenerali tal-UE. F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, il-membri rispettivi tas-Servizz Legali elaboraw u sottomettew dokumenti proċedurali f'konformità mar-regoli ta' proċedura applikabbli (eż. osservazzjonijiet bil-miktub, sottomissjonijiet ta' difiża, eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà), u ħadu l-miżuri kollha meħtieġa sabiejx jiddefendu l-interessi tal-UPPE. Barra minn hekk, il-membri tas-Servizz Legali għamlu trattazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, rispettivament, fis-seduti orali li saru fil-Kawżi C-281/22⁹² u T-442/22.



Fl-2023, is-Servizz Legali kompli jiżviluppa u jamministra diversi għodod u bażijiet tad-*data* fuq l-intranet tal-UPPE, bil-għan li jappoġġa l-attivitajiet tal-livelli ċentrali u deċentralizzati tal-UPPE. Dawn jinkludu ċentru bi gwida Prattika dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn l-UPPE u l-awtoritajiet minn pajjiżi mhux tal-UE u Stati Membri mhux parteċipanti, il-**"Librerija"** online tal-UPPE u **l-bażi tad-*data* tal-"Monitoraġġ tal-Każistika"** – l-aħħar tnejn f'kooperazzjoni mal-unità tal-Appoġġ lill-Operat u lill-Kulleġġ. Editja wkoll bil-pubblikazzjonijiet li ġejjin: **"Monthly CJEU Monitor"**, **"EPPO Legal Framework Handbook 2023"** u **"Case Law Digest"** (f'kooperazzjoni mal-unità ta' Appoġġ lill-Operat u lill-Kulleġġ).

Is-Servizz Legali ta sessjonijiet ta' taħriġ u preżentazzjonijiet dwar kwistjonijiet ewlenin relatati mal-funzjonament u l-qafas legali tal-UPPE, immirati lejn il-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-persunal tal-UPPE, kif ukoll partijiet ikkonċernati esterni li jinkludu membri tal-akkademja, awtoritajiet nazżjonali, IBOAs, trainees, eċċ.




PROTEZZIONI TAD-DATA



Protezzjoni tad-*data*

Biż-żieda fin-numru ta' każijiet u investigazzjonijiet, il-volum ta' *data* personali operazzjonali pproċessata mill-UPPE żdied b'mod sinifikanti matul l-2023. L-istess japplika, fir-rigward tal-volum ta' *data* personali amministrattiva pproċessata, li jirriżulta mill-espansjoni tal-persunal tal-UPPE.

Wara ż-żjara operazzjonali tal-2022 mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) f'April 2023, l-EDPS wettaq l-**ewwel awditu** tiegħu tal-UPPE, li ffoka fuq l-ambjent iddedikat tal-ipproċessar għall-analiżi tad-*data* personali operazzjonali għall-analisti tal-każijiet. L-awditu ffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni tat-talbiet għal aċċess tas-suġġett tad-*data* għal *data* personali operazzjonali.



F'Ottubru, l-UPPE laqa' lill-EDPS fl-uffiċċju tiegħu f'Liżbona, filwaqt li pprovda ħarsa ġenerali tal-ħidma ta' kuljum ta' Prosekutur Delegat Ewropew, inklużi l-aspetti prattiċi tat-tmexxija tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet.

Fil-kuntest tal-integrazzjoni tal-UPPE fl-ambjent nazzjonali minn perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*, f'tit mill-uffiċċji deċentralizzati tal-UPPE laqgħu wkoll żjarat mill-**Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-UPPE**.



Matul l-2023, l-UPPE ma rċieva l-ebda talba għal aċċess jew talba biex jiġu eżerċitati drittijiet oħra tas-suġġetti tad-*data*, la b'rabta ma' *data* personali operazzjonali u lanqas amministrattiva.



**RELAZZJONIJIET
TAL-UPPE
MAS-SĦAB TIEGĦU**



Relazzjonijiet tal-UPPE mas-sħab tiegħu

Fl-2023, l-UPPE segwa l-implimentazzjoni tal-istrateġija esterna tiegħu biex isaħħaħ ir-rabtiet u jrawwem il-kooperazzjoni mal-kontropartijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi mhux tal-UE u l-Istati Membri tal-UE mhux parteċipanti fl-UPPE, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali, networks ta' esperti u fora. Is-sensibilizzazzjoni, madwar id-dinja, dwar il-mandat, l-għodod u l-ġurisdizzjoni tal-UPPE fejn ikunu involuti l-fondi tal-UE, hija essenzjali biex jiżdied ir-rapportar tal-kriminalità, u biex jiġu żgurati l-fiduċja u l-kooperazzjoni effettiva mis-sħab tiegħu.

RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI



L-UPPE pparteċipa f'diversi laqgħat mal-**Parlament Ewropew** u mal-**Kunsill tal-UE**.

B'mod partikolari, f'Marzu, il-Kap Prosekutur Ewropew ġiet mistiedna għal laqgħa konġunti fil-Parlament Ewropew tal-Kumitati għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u dwar il-Kontroll Baġitarju (CONT) – biex tippreżenta r-Rapport Annwali tal-UPPE għall-2022. F'Marzu hija pparteċipat ukoll f'laqgħat mas-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Kwistjonijiet tat-Taxxa, biex tiddiskuti l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, u f'Mejju mal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, għal diskussjonijiet aktar ġenerali dwar kif tista' tittejjeb il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, speċifikament fuq in-naħa tan-nefqa. F'Ottubru 2023 l-UPPE ospita delegazzjoni tal-Kumitat dwar il-Kontroll Baġitarju.

Fil-laqgħa ta' Ġunju tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni (ĠAI), il-Kap Prosekutur Ewropew appoġġat, b'mod partikolari, estensjoni possibbli tal-kompetenza

tal-UPPE fir-rigward tal-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE, filwaqt li f'Diċembru, fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI, hija enfasizzat ir-rwol tal-UPPE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. Il-Kap Prosekutur Ewropew ipparteċipat ukoll fl-iskambju annwali interistituzzjonali ta' fehmiet mal-Kunsill tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew dwar il-prestazzjoni tal-OLAF.

It-tieni rieżami annwali ta' livell għoli tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-**Kummissjoni Ewropea** sar fl-aħħar ta' Settembru 2023. Dan indirizza, fost l-oħrajn, is-suġġetti li ġejjin: Notifiki tal-UPPE li jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea li tiegħu miżuri prekawzjonarji u korrettivi; suspett ta' rapportar ta' frodi mill-IBOAs; protezzjoni tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE; u metodoloġiji għall-istima tad-dannu.

Fl-aħħar nett, l-UPPE kkonkluda n-negozjati tiegħu għall-arranġamenti ta' ħidma mal-aġenziji eżekuttivi tal-UE, u kompla n-negozjati tiegħu mal-Parlament Ewropew u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.



EUROJUST

European Union Agency for
Criminal Justice Cooperation

L-UPPE u l-Eurojust qablu dwar l-aċċess indirett għall-informazzjoni fis-sistemi rispettivi tagħhom ta' ġestjoni tal-każijiet, abbażi ta' sistema "hit/no-hit" (l-Artikolu 100(3) tar-Regolament dwar l-UPPE, l-Artikolu 50(5) tar-Regolament dwar il-Eurojust). It-timijiet ta' kollegament tal-UPPE u tal-Eurojust iltaqgħu darba matul il-perjodu ta' rapportar. Sal-aħħar tas-sena, kien hemm 26 każ li kienu għadhom għaddejnin appoġġati mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust. L-UPPE qed ikompli jipparteċipa fil-"grupp ta' esperti bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar il-kisba ta' evidenza elettronika permezz ta' assistenza legali reċiproka mill-Istati Uniti", ospitat mill-Eurojust.



EUROPEAN ANTI-FRAUD OFFICE

L-UPPE kellu 284 skambju ta' informazzjoni mal-OLAF. B'mod speċifiku, l-UPPE wieġeb 32 talba "hit/no-hit" mibgħuta mill-OLAF, sabiex jiġu evitati investigazzjonijiet paralleli dwar l-istess fatti. Barra minn hekk, l-OLAF ikkomplementa l-attività tal-UPPE fi 22 każ, filwaqt li ngħata appoġġ f'4 każijiet.



L-UPPE kkoopera b'mod effiċjenti mal-Europol f'diversi kwistjonijiet operazzjonali, taħt l-awspiċi tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-UPPE-Europol. B'mod partikolari, l-Europol ipprovdiet appoġġ (skambju ta' informazzjoni, appoġġ analitiku, għarfien espert, eċċ.) fuq 47 talba mingħand l-UPPE. L-UPPE qed jikkoopera mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Kriminalità Finanzjarja u Ekonomika (EFEC), u huwa parti assoċjata tal-Proġetti ta' Analiżi (APs) li ġejjin: Proġett ta' Analiżi ta' Gruppi tal-Kriminalità Organizzata b'Riskju Għoli, Proġett ta' Analiżi tal-Korruzzjoni u Proġett ta' Analiżi tal-MTIC, u qed jikkunsidra parteċipazzjoni fi Proġetti ta' Analiżi addizzjonali. Permezz tat-timijiet speċjalizzati fi ħdan l-unità tal-Operazzjonijiet tiegħu, l-UPPE jikkontribwixxi b'mod attiv l-esperjenza operazzjonali rilevanti u l-informazzjoni intuittiva għal dawn il-proġetti, filwaqt li jarrikkixxi l-għarfien u l-kapaċitajiet tiegħu stess fl-għoti ta' għarfien espert.

L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE statistika dwar ir-rapportar tal-kriminalità⁹³

IBOA	Rapporti tal-UPPE dwar il-Kriminalità	Kompetenza eżerċitata	Kompetenza MHUX eżerċitata	Pendenti
Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji Eżekuttivi (permezz tal-OLAF)	7	4	1	2
L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)	72	38	7	27
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri	17	3	2	12
Il-Bank Ewropew tal-Investment	9	3	2	4
Il-Europol	3	1	mhux applikabbli	2
Total	108	49	12	47


RELAZZJONIJIET MA' STATI MEMBRI MHUX PARTEĊIPANTI U PAJJIŻI MHUX TAL-UE

Fir-rigward tal-Istati Membri mhux parteċipanti, is-sena 2023 kienet ikkaratterizzata minn żviluppi importanti: il-bidu effettiv tal-kooperazzjoni mal-Polonja u mal-Irlanda, kif ukoll l-iffirmar ta' arranġament ta' ħidma mal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Renju tad-Danimarka biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni.

Fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE, l-UPPE ffoka fuq kandidati għall-adeżjoni mal-UE. L-UPPE kkonkluda arranġamenti ta' ħidma mal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna, l-Istruttura Speċjali Albaniża Kontra l-Korruzzjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Bożnija-Ħerzegovina.

L-UPPE huwa impenjat, permezz tal-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' ħidma ffirmati, li jiffaċilita l-kooperazzjoni u jikkondividi l-għarfien espert tiegħu mal-awtoritajiet mill-pajjiżi kandidati kollha għall-UE⁹⁴.

F'Novembru 2023 il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-persunal tal-Uffiċċju Ċentrali taw taħriġ reġjonali dwar l-investigazzjonijiet u l-għodod finanzjarji tal-UPPE lill-prosekuturi mill-pajjiżi kandidati kollha tal-Balkani tal-Punent.



PUNTI EWLENIN – TLIETA MILL-PRIJORITAJIET INTERNAZZJONALI TAL-UPPE MATUL L-2023

INSAĦĦU L-KOOPERAZZJONI MAS-SĦAB TAL-UKRAJNA

L-appoġġ tal-UPPE lill-kollegi tagħna fl-Ukrajna rriżulta f'laqgħat mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna biex jiġi implimentat l-arranġament ta' ħidma ffirmat fl-2022, u sħubija ġdida mal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna (NABU). Il-Kap Prosekutur Ewropew attendiet il-Konferenza Magħqudin għall-Ġustizzja f'Marzu.

L-UPPE organizza wkoll żewġ korsijiet ta' taħriġ iddedikati għall-prosekuturi Ukreni u l-investigaturi ta' NABU fil-bini tiegħu, biex jikkondividi l-għarfien espert tiegħu u jippreżenta l-għodod uniċi tal-UPPE fit-twertiq ta' investigazzjonijiet transfruntiera.

NIKKONTRIBWIXXU GĦALL-ĠLIEDA KOLLETTIVA KONTRA L-KORRUZZJONI

Permezz ta' sħubiji ġodda u sensibilizzazzjoni f'diversi formati internazzjonali, l-UPPE kkontribwixxa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-UPPE sar membru tan-Network Operazzjonali Globali tal-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi kontra l-Korruzzjoni (Network GlobE), wara li nħatar f'Ottubru 2022 bħala awtorità kompetenti għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni⁹⁵.

L-UPPE kkontribwixxa għal laqgħat u konferenzi tal-OECD, b'mod partikolari l-laqgħa reġjonali li saret f'Astana min-Network kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (ACN). L-UPPE attenda wkoll il-ħames Forum tal-Alleanza Internazzjonali għall-Kaċċaturi għall-Korruzzjoni (ICHA), organizzat mill-Bank Dinji f'Abidjan.

NOĦOLQU U NSAĦĦU S-SĦUBIJI STRATEĠIĊI

Abbażi tal-ħtiġijiet operazzjonali tiegħu, u x-xejriet ġodda tal-frodi u tal-ħasil tal-flus, l-UPPE ffoka fuq is-sensibilizzazzjoni dwar il-mandat u l-għodod tiegħu, sabiex irawwem ir-rapportar dwar il-kriminalità u l-kooperazzjoni ma' sħab ġodda.

L-UPPE organizza wkoll laqgħat bilaterali mal-kontropartijiet tiegħu minn, fost l-oħrajn, il-Liechtenstein, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, Singapore, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerka.

Dikjarazzjoni ta' każda ta' responsabbiltà: iċ-ċifri ta' hawn taħt jirriflettu r-rabtiet fil-każijiet tagħna f'dawn it-territorji, u ma jirriflettux il-bgħit attwali ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka mill-UPPE.

Stati Membri mhux parteċipanti	Involvement f'każijiet tal-UPPE 2023
Id-Danimarka	3
L-Ungerija	80
L-Irlanda	3
Il-Polonja	58
L-Iżvezja	15
Total	159

	Involvement f'każijiet tal-UPPE 2023			Każijiet totali
	Post tal-attività kriminali	Post tad-dannu finanzjarju	Post tal-attività kriminali u d-dannu finanzjarju	
L-Alġerija	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Bożnija-Ħerzegovina	4	mhux applikabbli	mhux applikabbli	4
Iċ-Ċina	16	mhux applikabbli	mhux applikabbli	16
Curaçao ⁹⁶	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
L-Eġittu	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Gwatemala	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Honduras	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Hong Kong ⁹⁷	5	mhux applikabbli	mhux applikabbli	5
L-Indoneżja	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Ġamajka	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Ġordan	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Kenja	2	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
Il-Libanu	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Malażja	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Mauritania	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
Mauritius	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Moldova	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
Monaco	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Il-Montenegro	mhux applikabbli	1	2	3
Il-Marokk	3	mhux applikabbli	mhux applikabbli	3
In-Niġerja	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
In-Norveġja	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Puerto Rico	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Ir-Repubblika tal-Korea	2	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
Ir-Russja	2	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
San Marino	2	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
Is-Serbja	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
Sint Maarten (territorju Netherlandiż)	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
Is-Somalja	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
L-Iżvizzera	10	mhux applikabbli	mhux applikabbli	10
Ir-Repubblika Għarbija Sirjana	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
It-Tajwan ⁹⁸	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1
It-Tanzanija	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
It-Tuneżija	1	mhux applikabbli	1	2
It-Turkija	7	mhux applikabbli	mhux applikabbli	7
L-Ukrajna	2	mhux applikabbli	mhux applikabbli	2
L-Emirati Għarab Magħquda	4	mhux applikabbli	mhux applikabbli	4
Ir-Renju Unit	14	mhux applikabbli	3	17
L-Istati Uniti tal-Amerka	5	8	mhux applikabbli	13
Iż-Żambja	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1	1
Total				119

PARTEĊIPAZZJONI F'ATTIVITAJIET INTERNAZZJONALI (NETWORKS, KUMITATI U STRUTTURE SIMILI, ATTIVITAJIET KONTRA L-KORRUZZJONI)

PJATTAFORMA MULTIDIXIPLINARI EWROPEA KONTRA T-THEDDID KRIMINALI (EMPACT)

L-UPPE qed jipparteċipa fil-Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), u b'mod aktar speċifiku, fil-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali rilevanti għall-mandat tal-UPPE: networks kriminali ta' riskju għoli, frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC) u frodi tas-sisa, kif ukoll Finanzi Kriminali, Ħasil tal-Flus u Rkupru tal-Assi (CFMLAR).

NETWORK TAL-INTERAĠENZIJI CAMDEN GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI (CARIN)

L-UPPE, bħala osservatur, attenda l-Laqqgħa Ġenerali Annwali l-aktar reċenti ta' CARIN, li saret fi Brussell mit-3 sal-5 ta' Mejju 2023, b'enfasi partikolari fuq l-irkupru tal-assi bħala objettiv ta' politika. Iż-żewġ punti ta' kuntatt tal-UPPE pparteċipaw f'diversi gruppi ta' ħidma, b'mod partikolari dwar il-munita virtwali, l-irkupru tal-assi wara l-kundanna u l-kumpens tal-vittmi. FI-2023, l-UPPE bagħat erba' talbiet għal informazzjoni lill-punti ta' kuntatt rilevanti ta' CARIN.

UNITAJIET TAL-INTELLIGENCE FINANZJARJA TAL-UE (FIUs)

F'Settembru, l-UPPE ġie mistieden jieħu sehem fis-57 Pjattaforma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE, ospitata mill-Kummissjoni Ewropea, sabiex jippreżenta l-ħidma tiegħu u jiddiskuti modi potenzjali għall-kooperazzjoni bejn l-FIUs u l-UPPE fl-oqsma tal-ħasil tal-flus u tal-irkupru tal-assi.

NETWORK OPERAZZJONALI GLOBALI TAL-AWTORITAJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI KONTRA L-KORRUZZJONI (NETWORK GLOBE)

L-UPPE sar membru tan-Network GlobE, u ħa sehem fil-laqqgħa plenarja f'Lulju fost il-prattikanti tal-infurzar tal-liġi kontra l-korruzzjoni, li magħhom jista' jikkoopera l-UPPE, abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni.

SĦAB EWROPEJ KONTRA L-KORRUZZJONI (EPAC) U N-NETWORK EWROPEW KONTRA L-KORRUZZJONI (EACN) TAL-PUNTI TA' KUNTATT

F'Novembru, l-UPPE attenda, bħala osservatur, l-Assemblea Ġenerali tas-Sħab Ewropej kontra l-Korruzzjoni (EPAC) u n-network Ewropew kontra l-korruzzjoni (EACN) tal-punti ta' kuntatt.

ORGANIZZAZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI U L-IŻVILUPP EKONOMIĊI (OECD)

L-UPPE, bħala osservatur, attenda l-laqqgħat plenarji tal-Grupp ta' Ħidma tal-OECD dwar it-Tixħim fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali (WGB). Barra minn hekk, f'Ġunju u f'Diċembru, l-UPPE attenda l-laqqgħat tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi (LEO) u tan-Network Globali ta' Prattikanti tal-Infurzar tal-Liġi kontra t-Tixħim Transnazzjonali (GLEN).

F'Settembru, l-UPPE pparteċipa fit-13-il laqqgħa reġjonali tan-Network kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (ACN) — Network dwar l-Infurzar tal-Liġi (LEN) f'Astana.

F'Diċembru 2023 l-UPPE pparteċipa wkoll f'laqqgħat plenarji tat-Taskforce tal-OECD dwar it-Taxxa u l-Kriminalità (TFTC) u fis-sitt Forum tal-OECD dwar it-Taxxa u l-Kriminalità.

KUNSILL TAL-EWROPA

L-UPPE, bħala osservatur, ipparteċipa f'laqqgħat plenarji tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Operazzjoni tal-Konvenzjonijiet Ewropej dwar il-Kooperazzjoni f'Materji Kriminali (PC-OC).

Abbażi ta' assistenza reċiproka pprovduta lill-UPPE fl-investigazzjonijiet tiegħu minn partijiet għall-Konvenzjoni tal-1959 u l-protokoll addizzjonali tagħha, l-UPPE huwa rikonoxxut bħala awtorità kompetenti mill-maġġoranza kbira tagħhom.

In-negozjar ta' strument legali vinkolanti ġdid rigward l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tal-1959 dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (il-Konvenzjoni tal-1959) dwar ir-relazzjonijiet mal-UPPE, appoġġat minn xi membri, tqies bħala mhux fattibbli.

NETWORK ĠUDIZZJARJU EWROPEW (NĠE)

Inħatru tliet punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) fl-UPPE, kif deċiż mill-Korrispondenti Nazzjonali tal-NĠE f'Ottubru 2023. L-UPPE ser jipparteċipa fil-laqqgħat li jmiss tal-NĠE.

AKKADEMJA TAL-UPPE U TAĦRIĠ ESTERN

Fl-2023, l-UPPE nieda l-programm ta' taħriġ tal-Akkademja tal-UPPE. F'dan ir-rigward, l-UPPE ffirmat arranġamenti ta' ħidma mal-Pulizija Finanzjarja tal-Italja (Guardia di Finanza), man-Network Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL).



Sabiex jaħdem fuq investigazzjonijiet ekonomiċi transfruntiera, li huma prinċipalment marbuta mal-kriminalità organizzata, l-UPPE – bħala ufficiċċju ta' prosekuzzjoni transnazzjonali – jeħtieġ l-appoġġ ta' investigaturi b'ħiliet għolja u ddedikati f'kull Stat Membru parteċipanti. Primarjament f'kooperazzjoni mal-Guardia di Finanza, l-UPPE qed jippjana li jorganizza, fl-Iskola tal-Pulizija Ekonomika-Finanzjarja tal-Guardia di Finanza f'Ruma-Lido di Ostia, korsijiet għall-investigaturi finanzjarji. Dawn se jiġu mħarrġa, f'ambjent internazzjonali, dwar ir-reati PIF u l-pekuljaritajiet li jaħdmu fuq investigazzjonijiet għall-UPPE.

L-UPPE laqa' żewġ żjarat ta' studju tal-EJTN fil-bini tiegħu, li taw lill-imħallfin u lill-prosekuturi mill-Ewropa kollha l-opportunità li jitgħallmu aktar dwar l-UPPE. L-UPPE stazzjona lill-Prosekuturi Ewropej, lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u lill-persunal tal-Ufficiċċju Ċentrali bħala ħarrieġa għall-korsijiet ta' taħriġ tal-EJTN u tas-CEPOL. Il-persunal tal-UPPE kellu wkoll l-opportunità li jattendi xi wħud mis-sessjonijiet ta' taħriġ tagħhom.

Fl-aħħar nett, f'termini ta' **taħriġ estern**, il-konsorzju tal-Akkademja tal-Liġi Ewropea u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju pprovdew 15-il kors ta' taħriġ online għall-iżvilupp professjonali lill-EDPs u lill-persunal operazzjonali dwar suġġetti operazzjonali differenti matul is-sena.



**GLOSSARJU,
FONDI AFFETTIVATI
U NOTI**

Glossarju

Dan il-glossarju jispjega t-termini użati matul dan ir-rapport, kif ukoll il-kategoriji użati meta tiġi ppreżentata l-istatistika tal-UPPE – għall-Uffiċċju Ċentrali u għal kull Stat Membru parteċipanti – fl-31 ta' Diċembru 2023.



Appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti

In-numru ta' appelli kontra deċiżjonijiet tal-ewwel qorti ppreżentati mill-UPPE fl-2023.



Atti tal-akkużi

In-numru ta' akkużi formali ta' persuni (fiżiċi u ġuridiċi) maħruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023 li permezz tagħhom is-suspettati rispettivi jitressqu għall-ġudizzju.

PC

Awli Permanenti

L-Awli Permanenti huma l-magna operazzjonali tal-UPPE, u huma saff addizzjonali b'saħħtu biex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-investigazzjonijiet tal-UPPE. Huma jimmonitorjaw l-azzjonijiet meħuda matul investigazzjoni, u jiddeċiedu dwar il-passi ewlenin kollha – bħal jekk każ għandux ikun hemm prosekuzzjoni jew ċaħda ta' każ, jew jekk għandhiex tiġi applikata proċedura simplifikata. Kull Awla Permanenti (b'kolloxx 15) tikkonsisti minn tliet Prosekuturi Ewropej li huma membri permanenti, li jissorveljaw lill-Prosekuturi Delegati Ewropej. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni indipendenti tal-każ, l-ebda wieħed mill-membri permanenti tal-Awla Permanenti ma jiġi mill-pajjiż li fih oriġina r-rapport.



Dannu lill-interessi finanzjarji tal-UE

Dannu lid-dħul, l-infiq u l-assi kollha koperti minn, akkwistati permezz ta', jew dovuti lill-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-baġits tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji stabbiliti skont it-Trattati, u l-baġits ġestiti u mmonitorjati minnhom.



Dannu totali stmat

Id-dannu stmat li jirriżulta mill-iskema kollha ta' frodi, kemm għall-interessi finanzjarji tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll għall-Unjoni, bl-esklużjoni ta' interessi u penali.



Deċiżjonijiet biex jiġu assenjati miżuri lill EDPs li jassistu fi Stat Membru parteċipanti differenti

In-numru ta' deċiżjonijiet, maħruġa fl-2023, għall-assenjar ta' miżuri biex jassistu lill-Prosekuturi Delegati Ewropej minn Stati Membri parteċipanti differenti f'investigazzjonijiet transfruntiera, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE.



Deċiżjonijiet finali tal-qorti

In-numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti maħruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023.



Deċiżjonijiet tal-ewwel qorti

In-numru ta' deċiżjonijiet tal-ewwel qorti maħruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023.



Ex officio

Li każ jinfetaħ b'mod awtonomu, indipendenti minn input, rapport jew talba minn barra.



Frodi

Rappreżentazzjoni falza, permezz ta' dikjarazzjoni jew ta' mgħiba, magħmula b'mod konxju jew bi traskuraġni biex jinkiseb vantaġġ materjali.



Frodi relatata ma' dħul mhux mill-VAT

Imġiba frodulenti li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, fir-rigward ta' dħul ieħor minbarra dħul li jirriżulta mir-riżorsi tal-VAT. It-tipi komuni jinkludu l-kuntrabandu u l-użu ta' dikjarazzjonijiet doganali foloz.



Frodi relatata ma' nefqa

Terminu użat biex jiddefinixxi b'mod konġunt frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist jew ta' akkwist.



Frodi relatata ma' nefqa mhux ta' akkwist

Imgħiba frodulentli li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, fir-rigward tan-nefqa mhux relatata mal-akkwist – bħal għajjnuna finanzjarja jew sussidji.



Frodi relatata ma' nefqa ta' akkwist

Imgħiba frodulentli fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist għal proġetti ffinanzjati mill-pubbliku, b'mod predominanti mwettqa permezz tal-użu jew tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew ta' dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti.



Frodi relatata mad-dħul mill-VAT

L-evazzjoni intenzjonata u diżonestà tal-pagament tat-taxxa fuq il-valur miżjud.



Ħasil tal-flus

Il-proċess tal-ħabi tal-oriġini tal-flus miksuba b'mod illegali u tal-leġittimizzazzjoni tagħhom, billi jgħaddu l-flus minn sekwenza kumplessa ta' trasferimenti bankarji jew tranżazzjonijiet kummerċjali.



Investigazzjonijiet attivi b'dimensjoni transfruntiera

In-numru ta' każijiet investigattivi, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2023, li jinvolvu mill-inqas żewġ pajjiżi (bħala l-post tal-attività kriminali, jew bħala l-post tad-dannu finanzjarju, jew it-tnejn li huma).



Investigazzjonijiet attivi fl-użu frodulentli tal-fondi mqasma skont il-programm

In-numru ta' każijiet investigattivi li jikkonċernaw il-fondi tal-UE, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2023, li fihom mill-inqas reat wieħed ta' frodi relatata ma' nefqa – jew reat relatat (korruzzjoni, ħasil tal-flus, miżapproprjazzjoni, frodi tad-dħul mhux mill-VAT, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali ffukata fuq il-kriminalità PIF, reat marbut inseparabbilment) – kien taħt investigazzjoni, maqsum skont il-programm ta' finanzjament.

“Każijiet ta' dubju” huma investigazzjonijiet fejn is-sors ta' finanzjament ikun għadu ma għiex stabbilit jew identifikat. Lista sħiħa tal-programmi ta' finanzjament affettwati fl-investigazzjonijiet attivi tal-UPPE fl-2023 issegwi dan il-glossarju.



Investigazzjonijiet attivi tal-frodi tal-VAT + dannu totali stmat

In-numru ta' każijiet investigattivi, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2023, li fihom tal-anqas reat wieħed ta' frodi tad-dħul mill-VAT kien qed jiġi investigat, u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Investigazzjonijiet miftuħa + dannu stmat

In-numru ta' każijiet investigattivi miftuħa fl-2023 u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Investigazzjonijiet transfruntiera

Investigazzjonijiet li jinvolvu żewġ Stati Membri parteċipanti jew aktar, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE.



Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi ta' appell

In-numru ta' każijiet investigattivi bi status, fil-31 ta' Diċembru 2023, li jindika li l-proċedimenti tal-appell kienu għadhom għaddejjin.



Każijiet li għadhom għaddejjin fil-fażi tal-proċess kriminali

In-numru ta' każijiet investigattivi bi status, fil-31 ta' Diċembru 2023, li jindika li l-proċedimenti tal-qorti kienu għadhom għaddejjin.



Każijiet miċħuda

Iċ-ċaħda ta' każ huwa t-terminazzjoni ta' investigazzjoni kontra persuna meta l-prosekuzzjoni tkun saret impossibbli, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew inkarigat, minħabba kwalunkwe waħda mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Din iċ-ċifra turi n-numru ta' każijiet tal-UPPE miċħuda fl-2023. Il-każijiet miċħuda biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati jitqiesu bħala ċaħdiet parzjali, u huma inklużi bħala nota ta' tmiem f'din il-kategorija.



Konfiska

Ċaħda finali ta' proprjetà ordnata minn qorti, fir-rigward ta' reat kriminali.



Korruzzjoni

Abbuż ta' setgħa fdata għal gwadann privat.



Kundanni

In-numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti maħruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023 li fihom mill-inqas suspettat wieħed ġie kkundannat – irrISPETTIVAMENT min-numru ta' persuni suspettati li nħelsu.



Liberazzjonijiet

Liberazzjoni hija deċiżjoni minn qorti li konvenut akkużat b'reat ma jkunx ħati. In-numru ta' proċeduri f'dawn il-paġni jindika n-numru ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti maħruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023 li fihom is-suspettati kollha ġew liberati.



L-investigazzjonijiet attivi kollha + id-dannu totali stmat

In-numru ta' każijiet investigattivi miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2023, u d-dannu korrispondenti stmat għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Mekkaniżmu "hit/no-hit"

Sistema li tippermetti lill-kontropartijiet li jkollhom aċċess indirett għas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet ta' xulxin, bil-konkordanzi rilevanti jiġu kkomunikati b'mod reċiproku.



Miżapproprjazzjoni

L-azzjoni ta' uffiċjal pubbliku, li jkun direttament jew indirettament fdat bil-ġestjoni tal-fondi jew tal-assi, li b'xi mod jimpinja jew jiżborża l-fondi, jew li jaġġmel approprijazzjoni jew juża assi li jmorru kontra l-iskop li għalih kienu maħsuba, li jirriżulta f'dannu għall-interessi finanzjarji tal-UE.



Negozjanti neqsin

Kumpaniji fittizji stabbiliti għall-iskop waħdieni li jevadu l-pagament tal-VAT.



Ordnijiet ta' ffriżar mogħtija

"Iffriżar" jista' jiġi definit bħala "l-projbizzjoni temporanja tat-trasferiment, il-qerda, il-konverżjoni, id-disponiment jew il-moviment ta' proprjetà, jew l-inkarigu temporanju tal-kustodja jew tal-kontroll tal-proprjetà".

Din iċ-ċifra tirrappreżenta l-valur tal-assi ffrizzati/ sekwestrati fl-investigazzjonijiet tal-UPPE fl-2023, kif mogħtija mill-qrati jew mill-imħallfin kompetenti, jekk applikabbli, jew kif ordnat mill-Prosekutur Delegat Ewropew.



Organizzazzjoni kriminali ffokata fuq il-kriminalità PIF

Assoċjazzjoni strutturata, stabbilita fuq perjodu ta' żmien, ta' aktar minn żewġ persuni li jaġixxu lkoll flimkien, bil-ħsieb li jwettqu reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE sabiex jiksibu, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew benefiċċju materjali ieħor.



Proċeduri simplifikati ta' prosekuzzjoni

In-numru ta' deċiżjonijiet biex jiġu applikati proċeduri simplifikati ta' prosekuzzjoni, mañruġa f'każijiet tal-UPPE fl-2023. Id-deċiżjonijiet biex jiġu applikati proċeduri simplifikati ta' prosekuzzjoni biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati jitqiesu bħala deċiżjonijiet parzjali, u huma inklużi bħala nota tal-aħħar f'din il-kategorija.

Proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni hija metodu użat biex tintemm investigazzjoni tal-UPPE. Fil-livell tal-liġi nazzjonali, dan jista' jissejjaħ sentenza fuq talba tal-partijiet. Tali terminoloġija normalment tikkonċerna, b'mod ġenerali, proċedura inqas formali fejn il-konvenut jista' jwieġeb ħati bħala skambju għall-prosekuzzjoni li twaqqa' l-akkużi l-oħra, jew li taqbel ma' proċess sommarju.



Rapporti/Ilmenti riċevuti

In-numru ta' rapporti dwar il-kriminalità tal-UPPE riċevuti mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-IBOAs u mill-partijiet privati fl-2023; il-każijiet irreġistrati mill-UPPE fuq inizjattiva proprja (*ex officio*) huma inklużi wkoll f'din il-kategorija.



Reat marbut inseparabbilment

Reat kriminali li huwa marbut inseparabbilment ma' mġiba kriminali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371. Il-kunċett ta' inseparabbiltà jenħtieġ li jinftiehem b'referenza għall-identità tal-fatti materjali (jew fatti li huma sostanzjalment l-istess) – jiġifieri l-eżistenza ta' sett ta' ċirkostanzi konkreti li huma marbuta flimkien inseparabbilment fiż-żmien u fl-ispazju.



Riferimenti lill-awtoritajiet nazzjonali

In-numru ta' każijiet tal-UPPE riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali fl-2023. Il-każijiet riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali biss fir-rigward ta' parti mis-suspettati u/jew mir-reati jitqiesu bħala riferimenti parzjali, u huma inklużi bħala nota ta' tmiem f'din il-kategorija.



Rimedji legali straordinarji kontra deċiżjonijiet tal-qorti

In-numru ta' rimedji legali disponibbli f'kundizzjonijiet eċċezzjonali u użati fl-2023 kontra d-deċiżjonijiet finali tal-qorti, jekk ikun hemm.

VAT

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

Taxxa ġenerali fuq il-konsum li hija armonizzata fil-livell tal-UE. Din hija taxxa fuq il-konsum ibbażata b'mod wiesa' vvalutata fuq il-valur miżjud mal-oġġetti u mas-servizzi, u tapplika bejn wieħed u ieħor għall-oġġetti u għas-servizzi kollha li jinxtraw u jinbiegħu għall-użu jew għall-konsum fl-UE. B'hekk, l-oġġetti li jinbiegħu għall-esportazzjoni, jew is-servizzi li jinbiegħu lil klijenti barra mill-pajjiż, normalment ma jkunux soġġetti għall-VAT. Min-naħa l-oħra, l-importazzjonijiet huma ntaxxati sabiex iżommu s-sistema ġusta għall-produtturi tal-UE, sabiex ikunu jistgħu jikkompetu b'termini ugwali fis-suq tal-UE mal-fornituri li jinsabu barra mill-UE.



Tipoloġiji identifikati f'każijiet attivi tal-UPPE

In-numri (u l-perċentwali, approssimati sa żewġ punti deċimali) tat-tipi ta' reati investigati f'każijiet tal-UPPE, miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2023, imqasma skont it-tip. Kun af li investigazzjoni waħda tista' teżamina diversi tipi ta' reati.

Fondi affettwati fl-investigazzjonijiet attivi tal-UPPE, 2023

Programmi ta' Żvilupp Agrikolu u Rurali	Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (2014–2022)
	Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (2014–2022)
	Politika Agrikola Komuni (PAK) (2021–2027)
Programmi Marittimi u tas-Sajd	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) (2021–2027)
	Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) (2014–2020)
Programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali	Strument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI)
	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali) (2021–2027)
	Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) (2021–2027)
	Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (2021–2027)
	Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili – Intestaturi 3 u 4 (2014–2020)
	Strument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) (2014–2020)
	Strument ta' sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (PI) (2014–2020)
	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) (2014–2020)
	Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) (2014–2020)
	Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (2014–2020)
Programmi ta' Żvilupp Reġjonali u Urban	Politika Reġjonali (Fond Ewropew Reġjonali u għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Koeżjoni) (2021–2027)
	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), imsaħħaħ minn REACT-EU, iffinanzjat minn Next Generation EU (2014–2020)
	Fond ta' Koeżjoni (FK) (2014–2020)
	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) (2014–2020)
	Strument Ewropew ta' Viċinat (ENI) (2014–2020)

Programmi relatati mal-Edukazzjoni u l-Kultura	Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport (Erasmus+) (2014–2020)
	Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport (Erasmus+) (2021–2027)
Programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni	Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont 2020) (2014–2020)
	Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027)
Programmi dwar l-Impjegi, il-Koeżjoni Soċjali, l-Inklużjoni u l-Valuri	Fond Soċjali Ewropew + (inkluż Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u l-Programm għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali) (2021–2027)
	Fond Soċjali Ewropew (FSE) (2014–2020)
	Programm dwar id-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza (2014–2020)
	Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) (2014–2020)
	Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) (2014–2020)
Programmi tal-Klima u l-Ambjent	Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (2021–2027)
	Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (2021–2027)
Programmi ta' Rkupru u Reżiljenza	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) (2021–2027)
Programmi ta' Mobbiltà u Trasport, Enerġija u Diġitalizzazzjoni	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) (ħlief parti mit-Telekomunikazzjoni tal-FNE) (2014–2020)
	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) (2021–2027)
Programmi tal-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) (2014–2020)
Programmi tal-Industrija, tal-Intraprenditorija u tal-SMEs	Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) (2014–2020)
	Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (COSME) (2014–2020)
Programmi ta' Sigurtà u ta' Difiża	Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) (2014–2020)
	Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) (2021–2027)
Programmi oħra	Programm tal-UE Kontra l-Frodi (OLAF) (2021–2027)
	Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA2) (2014–2020)
	Fondi tal-Grupp tal-BEI (BEI/FEI)
	Nefqa amministrattiva tal-IBOAs (2014–2020)
	Nefqa amministrattiva tal-IBOAs (2021–2027)
	Oħrajn

Noti

- 1 Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") <<https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>>.
- 2 Europol, 'European Financial and Economic Crime Threat Assessment 2023', 2023 <<https://www.europol.europa.eu/cms/sites/default/files/documents/The%20Other%20Side%20of%20the%20Coin%20-%20Analysis%20of%20Financial%20and%20Economic%20Crime%20%28EN%29.pdf>>.
- 3 Seħħ xi dannu fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra (f'investigazzjonijiet tal-frodi tad-dħul mill-VAT).
- 4 Seħħ xi dannu fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħrajn.
- 5 Differenzi possibbli fit-talbiet għal miżuri ta' għajnunja ġenerali ta' ħruġ u ta' dħul jiddependu mill-mod ta' kif dawn jiġu kkunsidrati fil-livell nazzjonali.
- 6 Fi tmien każijiet addizzjonali kien hemm 12-il każida parzjali
- 7 10 każijiet addizzjonali ġew parzjalment riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali.
- 8 Każ wieħed ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni finali tal-qorti.
- 9 Kun af li investigazzjoni waħda tista' teżamina diversi tipi u inċidenzi ta' reati – pereżempju, diversi suspettati jistgħu jiġu akkużati li wettqu l-istess reat, jew akkużati li wettqu l-istess tip ta' reat diversi drabi.
- 10 Id-diskrepanza bejn in-numru ta' investigazzjonijiet attivi u investigazzjonijiet miftuħa fl-2023 tista' tiġi spjegata b'diversi fużjonijiet bejn investigazzjonijiet mibdija.
- 11 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 12 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 13 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 14 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 15 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 16 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 17 F'każ addizzjonali wieħed kien hemm żewġ każidiet parzjali.
- 18 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 19 Każ addizzjonali wieħed ġie parzjalment miċħud.
- 20 Każ addizzjonali wieħed ġie parzjalment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
- 21 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 22 Każ wieħed ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni finali tal-qorti.
- 23 Każ addizzjonali wieħed ġie parzjalment miċħud.
- 24 Żewġ każijiet addizzjonali ġew parzjalment riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali.
- 25 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 26 Każ addizzjonali wieħed ġie parzjalment riferut lill-awtoritajiet nazzjonali.
- 27 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 28 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 29 Każ addizzjonali wieħed ġie parzjalment miċħud.
- 30 Rapport wieħed ġie riallokut lil EDP minn Stat Membru ieħor.
- 31 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 32 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 33 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 34 13-il appell ippreżentati kontra l-ordnijiet ta' frizzar mogħtija fl-2022 ġew miċħuda u solvuti fl-2023 favur il-pożizzjoni tal-UPPE.
- 35 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 36 Żewġ każijiet addizzjonali ġew miċħuda parzjalment.
- 37 Sitt każijiet addizzjonali ġew parzjalment riferuti lill-awtoritajiet nazzjonali.
- 38 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 39 L-awtorità nazzjonali (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali) ma aċċettatx li tiegħu f'idejha żewġ każijiet.
- 40 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 41 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 42 F'żewġ każijiet addizzjonali kien hemm ħames każidiet parzjali.
- 43 Dan in-numru jirreferi biss għall-ilmenti riċevuti u rreġistrati.
- 44 UPPE, "Lithuania: Six convicted of €580 000 EU funding fraud related to Covid-19 protective material" (Stqarrija għall-istampa, 21 ta' Novembru 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/lithuania-six-convicted-eu580-000-eu-funding-fraud-related-covid-19-protective-material>>.
- 45 UPPE, "Czechia: Three charged in investigation into public contract at the National History Museum in Olomouc" (Stqarrija għall-istampa, 16 ta' Ġunju 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/czechia-three-charged-investigation-public-contract-national-history-museum-olomouc>>.
- 46 UPPE, "Spain: EPPO raids criminal organisation reaching to Latin America in probe into €25 million VAT fraud" (Stqarrija għall-istampa, 24 ta' Novembru 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/spain-epo-raids-criminal-organisation-reaching-latin-america-probe-eu25-million-vat-fraud>>.
- 47 UPPE, "Germany: Three convicted of import smuggling of luxury cars and organised tax evasion" (Stqarrija għall-istampa, 15 ta' Settembru 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/germany-three-convicted-import-smuggling-luxury-cars-and-organised-tax-evasion>>.
- 48 UPPE, "Italy: 56 people and two companies indicted for criminal association aimed at systemic agricultural funding fraud and corruption" <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/italy-56-people-and-two-companies-indicted-criminal-association-aimed-systemic-agricultural>>.
- 49 UPPE, "Embezzlement of EU funds by public school principal in Italy – pupils deprived of school lunches and computers" (Stqarrija għall-istampa, 21 ta' April 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/embezzlement-eu-funds-public-school-principal-italy-pupils-deprived-school-lunches-and>>.
- 50 UPPE, "First indictment in Investigation Admiral: 12 suspects and 15 companies charged with massive VAT fraud" (Stqarrija għall-istampa, 6 ta' Diċembru 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/first-indictment-investigation-admiral-12-suspects-and-15-companies-charged-massive-vat-fraud>>.
- 51 UPPE, "Romania: Three detained for fraud involving medical and IT research, €8.5 million seized" (Stqarrija għall-istampa, 4 ta' Lulju 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/romania-three-detained-fraud-involving-medical-and-it-research-eu85-million-seized>>.

- 52 L-attivitajiet tal-UPPE għandhom jiġu eżerċitati f'konformità sħiħa mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li, filwaqt li jipproteġi d-dritt li persuna ma tiġix iġġudikata jew tingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat (*ne bis in idem*), jiżgura li ma jkun hemm l-ebda periklu doppju b'riżultat tal-prosekuzzjonijiet imressqa mill-UPPE.
- 53 UPPE, "Croatia: Business owner convicted for forgery and subsidy fraud" (Stqarrija għall-istampa, 18 ta' Lulju 2023) <<https://www.eppo.europa.eu/en/news/croatia-business-owner-convicted-forgery-and-subsidy-fraud>>.
- 54 Id-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ huma ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 55 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 013/2023 tal-1 ta' Marzu 2023 dwar l-adozzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi 2023-25 tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE").
- 56 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 047/2023 tal-5 ta' Lulju 2023 dwar il-politika tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u l-fastidju sesswali.
- 57 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 048/2023 tal-5 ta' Lulju 2023 li tistabbilixxi r-regoli applikabbli fi proċedura formali għal fastidju li jinvolvi Membri tal-Kulleġġ jew Prosekuturi Delegati Ewropej.
- 58 L-arranġamenti ta' ħidma jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 59 L-arranġamenti ta' ħidma jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 60 L-arranġamenti ta' ħidma jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 61 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 023/2023 tad-19 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni 002/2021 tat-13 ta' Jannar 2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.
- 62 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 037/2023 tas-7 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni 009/2020 tal-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2020 dwar ir-regoli li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.
- 63 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 007/2023 tat-22 ta' Frar 2023 li Temenda u Tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 tad-29 ta' Settembru 2020 li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif Emendata u Ssupplimentata bid-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ 017/2021 u 103/2021.
- 64 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 014/2023 tal-1 ta' Marzu 2023 li tadotta l-fluss tax-xogħol dwar il-każijiet tal-UPPE miftuħa fl-Eurojust, li tinvolvi Stati Membri mhux parteċipanti u/jew pajjiżi terzi, fuq talba tal-Prosekutur Delegat Ewropew Inkarigat.
- 65 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 063/2023 tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar l-adozzjoni tal-proċedura għall-ipproċessar ta' rapporti dwar il-kriminalità sottomessi lill-UPPE minn partijiet privati.
- 66 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 044/2023 tat-28 ta' Ġunju 2023 li taħtar lis-Sur Petr Klement bħala l-Viċi Kap Prosekutur Ewropew.
- 67 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 053/2023 tat-12 ta' Lulju 2023 dwar it-tiġdid tal-perjodu tal-mandat ta' Viċi Kap Prosekutur Ewropew.
- 68 Dawn id-Deċiżjonijiet dwar il-Ħatra jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-UPPE.
- 69 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 065/2023 tat-18 ta' Ottubru 2023 li tistabbilixxi l-Bord ta' Tmexxija Diġitali.
- 70 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 004/2023 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-abbozz proviżorju tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") għas-sena 2024.
- 71 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 003/2023 tat-30 ta' Jannar dwar l-adozzjoni tal-abbozz preliminari tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2024-2026.
- 72 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 043/2023 tal-21 ta' Ġunju 2023 dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni tar-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-2022 tal-uffiċjal awtorizzanti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.
- 73 Deċiżjoni tal-Kulleġġ 011/2023 tal-1 ta' Marzu 2023 dwar l-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2022-2024.
- 74 Id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 012/2023 tal-1 ta' Marzu 2023 dwar l-adozzjoni tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew għall-perjodu 2023-2025.
- 75 Dan jinkludi deċiżjoni waħda għall-prosekuzzjoni parzjali ta' każ.
- 76 Dan jinkludi erba' deċiżjonijiet biex tiġi applikata parzjalment proċedura simplifikata ta' prosekuzzjoni.
- 77 Dan jinkludi 13-il deċiżjoni biex każ jiġi miċħud parzjalment.
- 78 Il-fatti soġġetti għal investigazzjoni ma jikkostitwux reat kriminali li jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.
- 79 Dan jinkludi disa' deċiżjonijiet biex każ jiġi riferut parzjalment.
- 80 Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-eżerċizzju tal-kompetenza tal-UPPE kif stabbilita m'għadhomx jintlaħqu.
- 81 Linji gwida ġenerali li jippermettu lill-Awli Permanenti jirreferu każ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal reati li kkawżaw jew li x'aktarx jikkawżaw dannu ta' inqas minn EUR 100 000 lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- 82 Dawn iċ-ċifri jirreferu għal rapporti rreġistrati u vverifikati.
- 83 Dan it-tqassim skont l-Istat Membru u l-pajjiż mhux tal-UE ma jinkludix il-250 rapport ripetitiv riċevuti mill-UPPE, u l-mistoqsijiet riċevuti mill-pubbliku.
- 84 Skont il-prinċipju tat-trasparenza u d-dritt tal-individwi li jkollhom aċċess għal dokumenti, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra residenti jew li għandha uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru għandhom, soġġett għal ċerti prinċipji, kundizzjonijiet u limiti, dritt ta' aċċess għal dokumenti prodotti jew miżmuma mill-UPPE. L-aċċess jista' jiġi rrifjutat biss f'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprevedi regoli ġenerali għall-aċċess għad-dokumenti. Regoli ta' implimentazzjoni għall-aċċess għad-dokumenti tal-UPPE ġew adottati mill-Kulleġġ tal-UPPE fil-21 ta' Ottubru 2020 (id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 008/2020). Skont l-Artikolu 109(1) tar-Regolament dwar l-UPPE, dak id-dritt tal-aċċess għal dokumenti ma japplikax għal dokumenti li huma parti mill-fajls tal-każijiet tal-UPPE.
- 85 G. K. u Oħrajn (Prosekutur Pubbliku Ewropew).
- 86 Juzgado Central de Instrucción No 6 de Madrid (Spanja).
- 87 PU vs I-UPPE.
- 88 Giuffrida vs I-UPPE.
- 89 Kaili vs il-Parlament u I-UPPE.
- 90 Stan vs I-UPPE. Fil-15 ta' Diċembru 2023, il-Qorti Ġenerali tat l-Ordni tagħha f'dan il-każ. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà sottomessa mill-UPPE ġiet aċċettata u l-azzjoni kontra l-UPPE ġiet miċħuda.
- 91 Mincu Pătraşcu Brăncuşi vs EPPU.
- 92 Il-QĠUE tat is-sentenza tagħha f'dan il-każ fil-21 ta' Diċembru 2023. Id-deċiżjoni hija konformi mal-interpretazzjoni tal-UPPE tal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-UPPE.
- 93 Din hija lista ta' IBOAs li pprovdewlna rapporti fl-2023. Jekk xi IBOAs ma jkunux elenkati hawn, dan ikun minħabba li ma pprovdewlniex rapport fl-2023.
- 94 Minbarra s-Serbja u t-Turkija, sal-lum.
- 95 L-UPPE nħatar bħala awtorità kompetenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC, il-31 ta' Ottubru 2003) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC, il-15 ta' Novembru 2000) f'Ottubru 2022.
- 96 Pajjiż awtonomu fir-Renju tan-Netherlands.
- 97 Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
- 98 Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-politika ta' Ċina Waħda tal-Istati Membri parteċipanti/tal-Unjoni Ewropea.



UFFIĊĊJU
TAL-PROSEKUTUR
PUBBLIKU
EWROPEW



UFFIĊĊJU ĊENTRALI
TAL-LUSSEMBURGU



ATENI



BERLIN



BOLONJA



BRATISLAVA



BRNO



BRUSSELL



BUCHAREST



ČESKÉ BUDĚJOVICE



CLUJ-NAPOCA



COLOGNE




FRANKFURT



GRAZ



HAMBURG




HELSINKI



IAȘI



LIBEREC



LIŽBONA



LJUBLJANA



IL-LUSSEMBURGU



MADRID



MILAN



MUNICH



NAPLI



NIKOSIJA



OSTRAVA



PALERMO



PARIĠI



PORTO



PRAGA



RIGA



RUMA



ROTTERDAM



SOFIJA



TALLINN



TIMIȘOARA



TURIN



IL-BELT VALLETTA



VENEZJA



VJENNA



VILNIUS



ZAGREB



ZLÍN



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

KU-AA-24-001-MT-N
ISBN 978-92-95230-95-8